# DIRETTIVI

## DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1226

**tal-21 ta' Diċembru 2020**

**li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, l-Anness II tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodi komuni għall-valutazzjoni tal-istorbju**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha,

Filwaqt li:

(1) L-Anness II tad-Direttiva 2002/49/KE jistabbilixxi metodi ta' valutazzjoni komuni għall-Istati Membri, li għandhom jintużaw għall-informazzjoni dwar il-ħsejjes ambjentali u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa, b'mod partikolari għall-immappjar tal-istorbju, u li jiġu adottati pjanijiet ta' azzjoni bbażati fuq ir-riżultati tal-immappjar tal-istorbju. Dan l-anness jeħtieġ li jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku.

(2) Mill-2016 sal-2020, il-Kummissjoni kkooperat ma' esperti tekniċi u xjentifiċi tal-Istati Membri biex tivvaluta liema adattamenti kienu meħtieġa filwaqt li jitqiesu l-avvanzi tekniċi u xjentifiċi fil-kalkolu tal-istorbju ambjentali. Dan il-proċess sar f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Istorbju, magħmul minn Stati Membri, il-Parlament Ewropew, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, l-NGOs, iċ-ċittadini u l-akkademiċi.

(3) L-Anness ta' din id-Direttiva Delegata jistabbilixxi l-adattamenti meħtieġa għall-metodi ta' valutazzjoni komuni li jikkonsistu fil-kjarifika ta' formuli biex tiġi kkalkulata l-propagazzjoni tal-istorbju, l-adattament tat-tabelli skont l-aħħar għarfien u t-titjib fid-deskrizzjoni tal-passi tal-kalkoli. Dan jaffettwa l-kalkoli tal-istorbju mit-toroq, l-istorbju ferrovjarju, l-istorbju industrijali u l-istorbju mill-inġenji tal-ajru. L-Istati Membri huma mitluba jużaw dawn il-metodi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

(4) Għalhekk l-Anness II tad-Direttiva 2002/49/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Istorbju li ġie kkonsultat fit-12 ta' Ottubru 2020,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Direttiva 2002/49/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima 2.1.1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-kalkoli jsiru f’baned ta’ ottavi għall-istorbju ġġenerat mit-traffiku fit-toroq, mit-traffiku ferrovjarju u mill-attività industrijali, ħlief għall-potenza akustika tas-sors tal-istorbju mill-ferroviji, li tuża baned ta’ terz ta’ ottava. Għall-istorbju ġġenerat mit-traffiku fit-toroq, mit-traffiku ferrovjarju u mill-attività industrijali, fuq il-bażi ta’ dawn ir-riżultati ta’ baned ta’ ottava, il-livell medju tal-pressjoni akustika fit-tul ponderat A għall-perjodu ta’ matul il-jum, filgħaxija u billejl, kif definit fl-Anness I u msemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/49/KE, huwa kkalkulat bil-metodu deskritt fit-taqsima 2.1.2, 2.2, 2.3, 2.4 u 2.5. Għat-traffiku fit-toroq u dak ferrovjarju f’agglomerazzjonijiet, il-livell medju tal-pressjoni akustika fit-tul ponderat A huwa determinat mill-kontribut mis-segmenti tat-toroq u ferrovjarji fihom, inklużi toroq ewlenin u linji ferrovjarji ewlenin.”

(2) It-Taqsima 2.2.1 hija emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu taħt l-intestatura “Numru u Pożizzjoni ta’ Sorsi Ekwivalenti ta’ Ħoss”, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“F’dan il-mudell, kull vettura (tal-kategorija 1, 2, 3, 4 u 5) hija rappreżentata minn sors puntiformi uniku li jinfirex b’mod uniformi. L-ewwel riflessjoni fuq is-superfiċje tat-triq hija ttrattata b’mod impliċitu. Kif muri fl-Illustrazzjoni [2.2.a], dan is-sors puntiformi jitqiegħed 0,05 m ’il fuq mis-superfiċje tat-triq.”

(b) fil-paragrafu taħt l-intestatura “Emissjoni ta’ Potenza Akustika”, l-aħħar subparagrafu taħt l-intestatura “Fluss tat-Traffiku” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-veloċità $v_m$ hija veloċità rappreżentattiva għal kull kategorija ta’ vetturi: f’ħafna każijiet il-veloċità inferjuri tal-veloċità massima legali għas-sezzjoni tat-triq u l-veloċità massima legali għall-kategorija ta’ vetturi.”

(c) fil-paragrafu taħt l-intestatura “Emissjoni ta’ Potenza Akustika”, l-ewwel subparagrafu taħt l-intestatura “Vettura individwali” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Fil-fluss tat-traffiku, huwa preżunt li l-vetturi kollha tal-kategorija m isuqu bl-istess veloċità, jiġifieri $v_m$.”

(3) It-Tabella 2.3.b hija emendata kif ġej:

(a) fit-tielet ringiela, ir-raba’ kolonna (imsejħa “3”), it-test huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Tirrappreżenta indikazzjoni tar-riġidità “dinamika””

(b) fis-sitt ringiela, ir-raba’ kolonna (imsejħa “3”), it-test huwa sostitwit b’dan li ġej:

“**H**

Riġidità (800-1 000MN/m)”

(4) It-Taqsima 2.3.2 hija emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu taħt l-intestatura “Fluss tat-Traffiku”, ir-raba’ subparagrafu, it-tieni inċiż taħt il-formula (2.3.2), huwa sostitwit b’dan li ġej:

“– **v** hija l-veloċità tagħhom [km/h] fis-sezzjoni tal-binarju numru *j* għat-tip ta’ vettura ***t*** u l-veloċità medja tal-ferrovija ***s***”

(b) il-paragrafu taħt l-intestatura “Żaqżiq” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Iż-żaqżiq tad-dawran huwa sors speċjali li huwa rilevanti biss għall-kurvi u għalhekk huwa lokalizzat. Iż-żaqżiq tad-dawran ġeneralment jiddependi fuq il-kurvatura, fuq il-kundizzjonijiet ta’ frizzjoni, il-veloċità tal-ferrovija, il-ġeometrija u d-dinamika tal-binarju-rota. Peress li jista’ jkun sinifikanti, hemm bżonn ta’ deskrizzjoni xierqa. Fil-postijiet fejn iseħħ dan iż-żaqżiq tad-dawran, ġeneralment f’kurvi u f’devjaturi ferrovjarji, hemm bżonn li mal-potenza tas-sors jiżdiedu spettri adegwati tal-potenza akustika f’eċċess. L-istorbju f’eċċess jista’ jkun speċifiku għal kull tip ta’ vettura ferrovjarja, peress li ċerti tipi ta’ roti u karrijiet jistgħu jkunu ferm inqas suxxettibbli għaż-żaqżiq minn oħrajn. Jekk ikun hemm kejl tal-istorbju f’eċċess disponibbli li jqis b’mod adegwat in-natura stokastika taż-żaqżiq, dan jista’ jintuża.

Jekk ma jkunx hemm kejl adegwat disponibbli, jista' jintuża approċċ sempliċi. F'dan l-approċċ, l-istorbju tażżaqżiq għandu jitqies billi jiżdiedu l-valuri ta' eċċess li ġejjin mal-ispettri tal-potenza akustika tal-istorbju tad-dawrien għall-frekwenzi kollha.

| | |
|---|---|
| Ferrovija | 5 dB għal kurvi b'300 m < R ≤ 500m u $l_{track}$ ≥ 50m<br>8 dB għal kurvi b'R ≤ 300 m u $l_{track}$ ≥ 50 m<br>8 dB għal devjaturi b'R ≤ 300m<br>0 dB inkella |
| Tramm | 5 dB għal kurvi u devjaturi b'R ≤ 200 m<br>0 dB inkella |

fejn $l_{track}$ huwa t-tul tal-binarju tul il-kurva u R huwa r-raġġ tal-kurva.

L-applikabbiltà ta' dawn l-ispettri tal-potenza akustika jew il-valuri ta' eċċess normalment għandha tiġi vverifikata fuq il-post, speċjalment għat-tramms u għall-postijiet fejn il-kurvi jew id-devjaturi jiġu ttrattati b'miżuri kontra ż-żaqżiq."

(c) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Direttività tas-sors", eżatt wara l-ekwazzjoni (2.3.15) jiżdied dan li ġej:

"L-istorbju tal-pont jiġi mudellat fis-sors A (h = 1), li għalih hija preżunta omnidirezzjonalità."

(d) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Direttività tas-Sors", it-tieni subparagrafu sa u li jinkludi l-formula 2.3.16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-direttività vertikali $\Delta L_{W,dir,ver,i}$ f'dB tingħata fil-pjan vertikali għas-sors A (h = 1), bħala funzjoni tal-frekwenza taċ-ċentru tal-banda $f_{c,i}$ ta' kull banda ta' frekwenza numru i, u:

| | |
|---|---|
| għal 0 < ψ < π/2 kif ġej<br>$\Delta L_{W,dir,ver,i} = \left(\frac{40}{3} * \left[\frac{2}{3} * \sin(2 * \psi) - \sin(\psi)\right] * \lg\left[\frac{f_{c,i} + 600}{200}\right]\right)$<br>għal - π/2< ψ <=0 kif ġej<br>$\Delta L_{W,dir,ver,i} = 0$ | (2.3.16)" |

(5) Fit-Taqsima 2.3.3, il-paragrafu taħt l-intestaturi "Korrezzjoni għal radjazzjoni strutturali (pontijiet u vijadotti)" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Korrezzjoni għal radjazzjoni strutturali (pontijiet u vijadotti)

Fil-każ fejn is-sezzjoni tal-binarju hija fuq pont, hemm bżonn li jiġi kkunsidrat l-istorbju addizzjonali ġġenerat mill-vibrazzjoni tal-pont bħala riżultat tal-eċitazzjoni kkawżata mill-preżenza tal-ferrovija. L-istorbju tal-pont jiġi mudellat bħala sors addizzjonali li l-potenza akustika għal kull vettura għalih tingħata kif ġej

| | |
|---|---|
| $L_{W,0,bridge,i} = L_{R,TOT,i} + L_{H,bridge,i} + 10 \times \lg(Na)$ dB | (2.3.18) |

fejn $L_{H,bridge,i}$ hija l-funzjoni ta' trasferiment tal-pont. L-istorbju tal-pont $L_{W,0,bridge,i}$ jirrappreżenta biss il-ħoss irradjat mill-kostruzzjoni tal-pont. L-istorbju tad-dawrien minn vettura fuq il-pont jiġi kkalkulat bl-użu ta' (2.3.8) sa (2.3.10), billi tintgħażel il-funzjoni tat-trasferiment tal-binarju li tikkorrispondi mas-sistema tal-binarji li hija preżenti fuq il-pont. L-ostakli mal-ġnub tal-pont ġeneralment ma jitqisux."

(6) It-Taqsima 2.4.1 hija emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Emissjoni tal-Potenza Akustika - ġenerali", it-tieni subparagrafu, ir-raba' element sħiħ tal-lista inkluża l-formula (2.4.1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"-il-linji tas-sors li jirrappreżentaw vetturi mixjin jiġu kkalkulati skont il-formula 2.2.1"

(b) in-numru fil-formula (2.4.2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2.4.1)"

(7) Fit-Taqsima 2.5.1, is-seba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Oġġetti b'inklinazzjoni ta' aktar minn 15° fir-rigward tal-vertikali ma jitqisux bħala rifletturi iżda jitqiesu fl-aspetti l-oħra kollha ta' propagazzjoni, bħall-effetti fuq l-art u d-diffrazzjoni."

(8) It-Taqsima 2.5.5 hija emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Livell tal-ħoss f'kundizzjonijiet favorevoli ($L_F$) għal passaġġ (S,R)", il-formula 2.5.6 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "$A_F = A_{div} + A_{atm} + A_{boundary,F}$ | (2.5.6)" |

(b) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Il-livell tal-ħoss fit-tul fil-punt R f'deċibel A (dBA)", it-tmiem tal-ewwel subparagrafu taħt il-formula 2.5.11, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fejn *i* hija l-indiċi tal-banda ta' frekwenzi. *AWC* hija l-korrezzjoni ponderata A kif ġej:

| Frekwenza [Hz] | 63 | 125 | 250 | 500 | 1 000 | 2 000 | 4 000 | 8 000 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $AWC_{f,i}$ [dB] | -26,2 | -16,1 | -8.6 | -3,2 | 0 | 1,2 | 1,0 | -1,1" |

(9) It-Taqsima 2.5.6 hija emendata kif ġej:

(a) eżatt taħt l-Illustrazzjoni 2.5.b, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Id-distanzi $d_n$ huma determinati minn projezzjoni 2D fuq il-pjan orizzontali."

(b) is-subparagrafu taħt l-intestaturi "Kalkolu f'Kundizzjonijiet Favorevoli" huwa emendat kif ġej:

(1) l-ewwel sentenza tal-punt (a) hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fl-ekwazzjoni 2.5.15 ($A_{ground,H}$) l-għoli $z_s$ u $z_r$ huma sostitwiti b'$z_s$ + δ $z_s$ + δ $z_T$ u $z_r$ + δ $z_r$ + δ $z_T$ rispettivament fejn"

(2) l-ewwel sentenza tal-punt (b) hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-limitu inferjuri ta' $A_{ground,F}$ (ikkalkulat b'għoli mhux modifikat) jiddependi fuq il-ġeometrija tal-passaġġ:"

(c) fil-paragrafu taħt l-intestatura "Diffrazzjoni", it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-prattika, l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin huma kkunsidrati fil-pjan vertikali uniku li fih kemm is-sors kif ukoll ir-riċevitur (Skrin Ċiniż ċatt fil-każ ta' passaġġ li jinkludi riflessjonijiet). Ir-raġġ dirett mis-sors lejn riċevitur huwa linja dritta f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni omoġenja u linja kkurvata (ark b'raġġ skont it-tul tar-raġġ akustiku dritt) f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni favorevoli.

Jekk ir-raġġ akustiku dirett ma jkunx ostakolat, jiġi mfittex it-tarf D li jipproduċi l-akbar differenza fit-tul tal-passaġġ δ (l-iżgħar valur assolut minħabba li dawn id-differenzi fit-tul tal-passaġġ huma negattivi). Id-diffrazzjoni tiġi kkunsidrata jekk

— din id-differenza fit-tul tal-passaġġ hija akbar minn -λ/20 u

— jekk il-"Kriterju ta' Rayleigh" huwa ssodisfat.

Dan huwa l-każ, jekk δ hija akbar minn λ/4 – δ*, fejn δ* hija d-differenza fit-tul tal-passaġġ ikkalkulata b'dan l-istess tarf D iżda relatata mas-sors tal-mera S* ikkalkulata bil-pjan medju tal-art fuq in-naħa tas-sors u r-riċevitur mera R* ikkalkulat bil-pjan medju tal-art fuq in-naħa tar-riċevitur. Biex tiġi kkalkulata δ* jiġu kkunsidrati biss il-punti S*, D u R* – truf oħra li jostakolaw il-passaġġ S*->D->R* jiġu injorati.

Għall-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, it-tul tal-mewġa λ jiġi kkalkulat billi tintuża l-frekwenza ċentrali nominali u veloċità akustika ta' 340 m/s.

Jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ikunu ssodisfati, it-tarf D jissepara n-naħa tas-sors min-naħa tar-riċevitur, jiġu kkalkulati żewġ pjani medji tal-art separati, u $A_{dif}$ tiġi kkalkulata kif deskritt fil-bqija ta' din il-parti. Inkella, ma titqies l-ebda attenwazzjoni permezz ta' diffrazzjoni għal dan il-passaġġ, jiġi kkalkulat pjan medju tal-art komuni għall-passaġġ S -> R, u $A_{ground}$ tiġi kkalkulata mingħajr ebda diffrazzjoni ($A_{dif}$ = 0 dB). Din ir-regola tapplika kemm f'kundizzjonijiet omoġenji kif ukoll f'dawk favorevoli."

(d) fil-paragrafu taħt l-intestatura "Diffrazzjoni Pura", it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal diffrazzjoni multipla, jekk e hija d-distanza totali tul il-passaġġ bejn l-ewwel u l-aħħar punt ta' diffrazzjoni (uża raġġi kkurvati f'każ ta' kundizzjonijiet favorevoli) u jekk e taqbeż it-0,3 m (inkella C" = 1), dan il-koeffiċjent huwa definit hekk:

| | |
|---|---|
| $$C'' = \frac{1 + \left(5\lambda/e\right)^2}{1/3 + \left(5\lambda/e\right)^2}$$ | (2.5.23)" |

(e) l-Illustrazzjoni 2.5.d hija sostitwita b'dan li ġej:



(f) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Kundizzjonijiet Favorevoli", l-ewwel subparagrafu taħt l-Illustrazzjoni 2.5.e huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'kundizzjonijiet favorevoli t-tliet raġġi akustiċi kkurvati $\widehat{SO}$, $\widehat{OR}$, u $\widehat{SR}$ għandhom raġġ identiku tal-kurvatura Γ definit permezz ta':

| | |
|---|---|
| $\Gamma = \max (1\,000, 8d)$ | (2.5.24) |

Fejn *d* hija definita mid-distanza 3D bejn is-sors u r-riċevitur tal-passaġġ miftuħ għad-dritt."

(g) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Kundizzjonijiet Favorevoli", is-subparagrafi bejn il-formula (2.5.28) u l-formula (2.5.29) (iż-żewġ formuli inklużi), huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "$\delta_F = \hat{S}O_1 + \sum_{i=1}^{n-1} O_i\hat{O}_{i+1} + \hat{O}_n R - \hat{S}R$ | (2.5.28)" |

F'kundizzjonijiet favorevoli, il-passaġġ ta' propagazzjoni fil-pjan ta' propagazzjoni vertikali dejjem jikkonsisti minn segmenti ta' ċirku li r-raġġ tagħhom jingħata mid-distanza 3D bejn is-sors u r-riċevitur, jiġifieri, is-segmenti kollha ta' passaġġ ta' propagazzjoni għandhom l-istess raġġ ta' kurvatura. Jekk l-ark dirett li jgħaqqad is-sors u r-riċevitur ikun ostakolat, il-passaġġ ta' propagazzjoni jiġi definit bħala l-iqsar kombinazzjoni konvessa ta' arki li tinkludi l-ostakli kollha. F'dan il-kuntest konvess ifisser li f'kull punt ta' diffrazzjoni, is-segment tar-raġġ li ħiereġ jiġi difless 'l isfel fir-rigward tas-segment tar-raġġ li dieħel.

*Illustrazzjoni 2.5.f*

**Eżempju ta' kalkolu tad-differenza tal-passaġġ f'kundizzjonijiet favorevoli, fil-każ ta' diffrazzjonijiet multipli**




Fix-xenarju ppreżentat fl-Illustrazzjoni 2.5.f, id-differenza tal-passaġġ hija:

| | |
|---|---|
| $\delta_F = \hat{S}O_1 + O_1\hat{O}_2 + \hat{O}_2R - \hat{S}R$ | (2.5.29) |

(h) il-paragrafi taħt l-intestaturi "Kalkolu tat-terminu $\Delta_{ground(S,O)}$" u "Kalkolu tat-terminu $\Delta_{ground(O,R)}$" rispettivament huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Kalkolu tat-terminu $\Delta_{ground(S,O)}$

| | |
|---|---|
| $\Delta_{ground(S,O)} = -20 \times lg\left(1 + \left(10^{-A_{ground(S,O)}/20} - 1\right) \cdot 10^{-\left(\Delta_{dif(S',R)} - \Delta_{dif(S,R)}\right)/20}\right)$ | (2.5.31) |

fejn

— $A_{ground(S,O)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art bejn is-sors *S* u l-punt ta' diffrazzjoni O. Dan it-terminu jiġi kkalkulat kif indikat fis-subsezzjoni preċedenti dwar il-kalkoli f'kundizzjonijiet omoġenji u fis-subsezzjoni preċedenti dwar il-kalkoli f'kundizzjonijiet favorevoli, bl-ipoteżijiet li ġejjin:

— $z_r$=$z_{o,s}$;

— $G_{path}$ jiġi kkalkulat bejn *S* u *O;*

— F'kundizzjonijiet omoġenji: $\bar{G}_w = G'_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.17), $\bar{G}_m = G'_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.18);

— F'kundizzjonijiet favorevoli: $\bar{G}_w = G_{path}$fl-Ekwazzjoni (2.5.17), $\bar{G}_m = G'_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.20);

— $\Delta_{dif(S',R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn is-sors immaġni *S'* u *R*, ikkalkulata bħal fis-subsezzjoni preċedenti dwar id-*Diffrazzjoni pura*;

— $\Delta_{dif(S,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn *S* u *R*, ikkalkulata bħal fis-sezzjoni preċedenti dwar id-*Diffrazzjoni pura*.

Fil-każ speċjali fejn is-sors ikun taħt il-pjan medju tal-art: $\Delta_{dif(S,R)=}$ $\Delta_{dif(S',R)}$ and $\Delta_{ground(S,O)}$ = $A_{ground(S,O)}$

Kalkolu tat-terminu $\Delta_{art(O,R)}$

| | |
|---|---|
| $\Delta_{ground(O,R)} = -20 \times lg\left(1 + \left(10^{-A_{ground(O,R)}/20} - 1\right) \cdot 10^{-\left(\Delta_{dif(S,R')} - \Delta_{dif(S,R)}\right)/20}\right)$ | (2.5.32) |

fejn

— $A_{ground\ (O,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art bejn il-punt ta' diffrazzjoni O u r-riċevitur *R*. Dan it-terminu jiġi kkalkulat kif indikat fis-subsezzjoni preċedenti dwar il-kalkoli f'kundizzjonijiet omoġenji u fis-subsezzjoni preċedenti dwar il-kalkoli f'kundizzjonijiet favorevoli, bl-ipoteżijiet li ġejjin:

— $z_s$ = $z_{o,r}$

— $G_{path}$ tiġi kkalkulata bejn O and *R*.

Il-korrezzjoni $G'_{path}$ ma tridx tittieħed inkunsiderazzjoni hawnhekk, peress li s-sors ikkunsidrat huwa l-punt ta' diffrazzjoni. Għaldaqstant, $G_{path}$ għandha fil-fatt tintuża fil-kalkolu tal-effetti tal-art, inkluż għat-terminu tal-livell inferjuri tal-ekwazzjoni li jsir -3(1- $G_{path}$).

— F'kundizzjonijiet omoġenji, $\bar{G}_w = G_{path}$fl-Ekwazzjoni (2.5.17) u $\bar{G}_m = G_{path}$fl-Ekwazzjoni (2.5.18);

— F'kundizzjonijiet favorevoli, $\bar{G}_w = G_{path}$fl-Ekwazzjoni (2.5.17) u $\bar{G}_m = G_{path}$fl-Ekwazzjoni (2.5.20);

— $\Delta_{dif(S,R')}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn *S* u r-riċevitur immaġni *R'*, ikkalkulata bħal fis-sezzjoni preċedenti dwar id-diffrazzjoni pura;

— $\Delta_{dif(S,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn *S* u *R*, ikkalkulata bħal fis-sezzjoni preċedenti dwar id-diffrazzjoni pura.

Fil-każ speċjali fejn ir-riċevitur ikun taħt il-pjan medju tal-art: $\Delta_{dif(S,R')=}$ $\Delta_{dif(S,R)}$ and $\Delta_{ground(O,R)}$ = $A_{ground(O,R)}$'

(i) fit-Taqsima 2.5.6, il-paragrafu taħt l-intestaturi "Xenarji ta' Truf Vertikali" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Xenarji ta' Truf Vertikali

L-Ekwazzjoni (2.5.21) tista' tintuża biex jiġu kkalkulati d-diffrazzjonijiet fuq truf vertikali (diffrazzjonijiet laterali) fil-każ ta' storbju industrijali. Jekk dan huwa l-każ, tittieħed $A_{dif}$ = $\Delta_{dif}$(*S,R*) u jinżamm it-terminu $A_{ground}$. Barra minn hekk, $A_{atm}$ u $A_{ground}$ għandhom jiġu kkalkulati mit-tul totali tal-passaġġ ta' propagazzjoni. $A_{div}$ xorta tiġi kkalkulata mid-distanza diretta d. L-Ekwazzjonijiet (2.5.8) u (2.5.6) isiru rispettivament:

| | |
|---|---|
| $A_H = A_{div} + A_{atm}^{path} + A_{ground,H}^{path} + \Delta_{dif,H(S,R)}$ | (2.5.33) |

| | |
|---|---|
| $A_F = A_{div} + A_{atm}^{path} + A_{ground,F}^{path} + \Delta_{dif,H(S,R)}$ | (2.5.34) |

$\Delta_{dif}$ fil-fatt tintuża f'kundizzjonijiet omoġenji fl-ekwazzjoni (2.5.34).

Id-diffrazzjoni laterali titqies biss f'każijiet fejn ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Is-sors huwa sors puntiformi reali – mhux prodott mis-segmentazzjoni ta' sors estiż bħal sors lineari jew areali.

Is-sors mhuwiex sors riflettenti mibni għall-kalkolu ta' riflessjoni.

Ir-raġġ dirett bejn is-sors u r-riċevitur huwa kompletament 'il fuq mill-profil tat-terren.

Fil-pjan vertikali li fih *S* u *R* id-differenza fit-tul tal-passaġġ $\delta$ hija akbar minn 0, jiġifieri, ir-raġġ dirett huwa ostakolat. Għalhekk, f'ċerti sitwazzjonijiet, id-diffrazzjoni laterali tista' titqies f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni omoġenja iżda mhux f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni favorevoli.

Jekk dawn il-kundizzjonijiet kollha ikunu ssodisfati, flimkien mal-passaġġ ta' propagazzjoni diffratt fil-pjan vertikali li fih is-sors u r-riċevitur jitqiesu sa żewġ passaġġi ta' propagazzjoni diffratti lateralment. Il-pjan laterali huwa definit bħala l-pjan perpendikolari għall-pjan vertikali u li fih ukoll is-sors u r-riċevitur. Iż-żoni ta' intersezzjoni ma' dan il-pjan laterali jinbnew mill-ostakli kollha li minnhom jgħaddi r-raġġ dirett mis-sors għar-riċevitur. Fil-pjan laterali, l-iqsar konnessjoni konvessa bejn is-sors u r-riċevitur, li tikkonsisti f'segmenti dritti u li tinkorpora dawn iż-żoni ta' intersezzjoni, tiddefinixxi t-truf vertikali li jitqiesu meta jinbena l-passaġġ ta' propagazzjoni lateralment diffratt.

Biex tiġi kkalkulata l-attenwazzjoni mill-art għal passaġġ ta' propagazzjoni lateralment diffratt, il-pjan medju tal-art bejn is-sors u r-riċevitur jiġi kkalkulat billi jitqies il-profil tal-art vertikalment taħt il-passaġġ ta' propagazzjoni. Jekk, fil-projezzjoni fuq pjan orizzontali, passaġġ ta' propagazzjoni laterali jaqsam il-projezzjoni ta' bini, dan jitqies fil-kalkolu ta' $_{path}$ (normalment b' = 0) u fil-kalkolu tal-pjan medju tal-art bl-għoli vertikali tal-bini."

(j) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Riflessjonijiet fuq ostakoli vertikali – Attenwazzjoni permezz tal-assorbiment", it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Is-superfiċji ta' oġġetti jitqiesu biss bħala rifletturi jekk l-inklinazzjonijiet tagħhom huma inqas minn 15° fir-rigward tal-vertikali. Ir-riflessjonijiet jitqiesu biss għal passaġġi fil-pjan ta' propagazzjoni vertikali, jiġifieri, mhux għal passaġġi lateralment diffratti. Għall-passaġġi inċidentali u riflessi, u filwaqt li jiġi preżunt li l-wiċċ li jirrifletti huwa vertikali, il-punt ta' riflessjoni (li jaqa' fuq l-oġġett li jirrifletti) jiġi kkalkulat bl-użu ta' linji dritti taħt linji omoġenji u kkurvati f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni favorevoli. L-għoli tar-riflettur, meta mkejjel mill-punt ta' riflessjoni u osservat mid-direzzjoni tar-raġġ inċidentali, għandu jkun mill-inqas 0,5 m. Wara projezzjoni fuq pjan orizzontali, il-wisa' tar-riflettur meta mkejjel mill-punt ta' riflessjoni u osservat mid-direzzjoni tar-raġġ inċidentali, għandu jkun mill-inqas 0,5 m."

(k) fil-paragrafu taħt l-intestaturi "Attenwazzjoni permezz ta' retrodiffrazzjoni", jiżdied dan li ġej fl-aħħar tat-test eżistenti:

"Meta jkun hemm ostaklu li jirrifletti l-istorbju jew ostaklu qrib il-linja ferrovjarja, ir-raġġi akustiċi mis-sors jiġu suċċessivament riflessi minn fuq dan l-ostaklu u lil hinn mis-superfiċje laterali tal-vettura ferrovjarja. F'dawn il-kundizzjonijiet, ir-raġġi akustiċi jgħaddu bejn l-ostaklu u l-karozzerija tal-vettura ferrovjarja qabel id-diffrazzjoni mix-xifer ta' fuq tal-ostaklu.

Sabiex jitqiesu riflessjonijiet multipli bejn il-vettura ferrovjarja u ostaklu fil-qrib, tiġi kkalkulata l-potenza akustika ta' sors puntiformi ekwivalenti. F'dan il-kalkolu, l-effetti tal-art jiġu injorati.

Sabiex tinkiseb il-potenza akustika tas-sors ekwivalenti japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— L-oriġini tas-sistema ta' koordinati hija l-parti tal-binarju li tmiss mar-roti fil-qrib

— Sors reali, jinsab f'S ($d_s$=0, $h_s$), fejn $h_s$ huwa l-għoli tas-sors relattiv għall-parti tal-binarju li tmiss mar-roti

— Il-pjan $h$=0 jiddefinixxi l-karozzerija tal-karozzi

— Ostaklu vertikali bil-quċċata f'B ($d_B$, $h_b$)

— Riċevitur li jinsab f'distanza $d_R$ > 0 fuq in-naħa ta' wara tal-ostaklu fejn R għandu l-koordinati ($d_B$+$d_R$, $h_R$)

In-naħa ta' ġewwa tal-ostaklu għandha koeffiċjent ta' assorbiment $\alpha(f)$ għal kull banda ta' ottava. Il-karozzerija tal-vettura ferrovjarja għandha koeffiċjent ta' riflessjoni ekwivalenti ta' $C_{ref}$. Normalment il-valur ta' $C_{ref}$ huwa ta' 1. Fil-każ ta' vaguni tal-merkanzija b'qiegħ ċatt miftuħ biss, jista' jintuża valur ta' 0. Jekk $d_B > 5h_B$ jew $\alpha(f) > 0,8$ ma titqiesx l-interazzjoni bejn il-ferrovija u l-ostaklu.

F'din il-konfigurazzjoni, jistgħu jiġu kkalkulati riflessjonijiet multipli bejn il-karozzerija tal-vettura ferrovjarja u l-ostaklu billi jintużaw sorsi immaġni pożizzjonati $S_n$ ($d_n = -2n.\ d_B$, $h_n = h_s$), n=0,1,2,..N; kif muri fl-illustrazzjoni 2.5.k.

*Illustrazzjoni 2.5.k*




Il-potenza akustika tas-sors ekwivalenti hija espressa kif ġej:

$$L_{W,eq} = 10 \times \lg \left( \sum_{n=0}^{N} 10^{L_{W,n}/10} \right) \quad (2.5.39)$$

Fejn il-potenza akustika tas-sorsi parzjali tingħata permezz ta':

$L_{W,n} = L_W + \Delta_{Ln}$

$\Delta L_n = \Delta L_{geo,n} + \Delta L_{dif,n} + \Delta_{Labs,n} + \Delta_{Lref,n} + \Delta L_{retrodif,n}$

Bi:

| | |
|---|---|
| $L_W$ | il-potenza akustika tas-sors reali |
| $\Delta L_{geo,n}$ | terminu ta' korrezzjoni għal diverġenza sferika |
| $\Delta L_{dif,n}$ | terminu ta' korrezzjoni għad-diffrazzjoni mill-quċċata tal-ostaklu |
| $\Delta L_{abs,n}$ | terminu ta' korrezzjoni għall-assorbiment fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ostaklu |
| $\Delta L_{ref,n}$ | terminu ta' korrezzjoni għar-riflessjoni mill-karozzerija tal-vettura ferrovjarja |
| $\Delta L_{retrodif,n}$ | terminu ta' korrezzjoni għall-għoli finit tal-ostaklu bħala riflettur |

Il-korrezzjoni għad-diverġenza sferika tingħata kif ġej

$$\Delta L_{geo,n} = 20 \times \lg \left( \frac{r_0}{r_n} \right) \quad (2.5.40)$$

$$r_n = |S_n R| = \sqrt{\left(d_n - (d_B + d_R)\right)^2 + (h_n - h_R)^2} \quad (2.5.41)$$

Il-korrezzjoni għad-diffrazzjoni mill-quċċata tal-ostaklu tingħata kif ġej:

(2.5.42)

$$\Delta_{Ldif,n} = D_0 - D_n \quad (2.5.42)$$

Fejn $D_n$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni, ikkalkulata permezz tal-formula 2.5.21 fejn $C'' = 1$, għall-passaġġ li jgħaqqad is-sors $S_n$ mar-riċevitur $R$, meta titqies id-diffrazzjoni fil-quċċata tal-ostaklu B:

| | |
|---|---|
| $\delta_n = \pm(\lvert S_nB\rvert + \lvert BR\rvert - \lvert S_nR\rvert)$ | (2.5.43) |

Il-korrezzjoni għall-assorbiment fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ostaklu tingħata kif ġej:

| | |
|---|---|
| $\Delta L_{abs,n} = 10 \bullet n \bullet \lg(1-\alpha)$ | (2.5.44) |

Il-korrezzjoni għar-riflessjoni mill-karozzerija tal-vettura ferrovjarja tingħata hekk:

| | |
|---|---|
| $\Delta L_{ref,n} = 10 \bullet n \bullet \lg(C_{ref})$ | (2.5.45) |

Il-korrezzjoni għall-għoli finit tal-ostaklu li jirrifletti titqies permezz ta' retrodiffrazzjoni. Il-mogħdija ottika li tikkorrispondi għal immaġini b'ordni $N > 0$ tiġi riflessa $n$ darbiet mill-ostaklu. Fil-parti trasversali, dawn ir-riflessjonijiet iseħħu f'distanzi

$d_i = -(2i-q)d_{b,}$ $_i = 1,2,..n$. Fejn $P_i(d = d_i,\ h = h_b)$, $i = 1,2,..n$ bħala l-quċċati ta' dawn is-superfiċji riflettenti. F'kull wieħed minn dawn il-punti terminu ta' korrezzjoni jiġi kkalkulat bħala:

| | |
|---|---|
| $\Delta L_{retrodif,n} = \begin{cases} -\sum_{i=1}^{n} \Delta_{retrodif,n,i} & if\ n > 0 \\ 0 & if\ n = 0 \end{cases}$ | (2.5.46) |

Fejn $\Delta_{retrodif,n,i}$ jiġi kkalkulat għal sors fil-pożizzjoni $S_n$ quċċata ta' ostaklu f' $P_i$ u riċevitur fil-pożizzjoni $R'$. Il-pożizzjoni tar-riċevitur ekwivalenti $R'$ tingħata minn $R'$=$R$ jekk ir-riċevitur ikun 'il fuq mil-linja ta' viżjoni minn $S_n$ sa $B$; inkella l-pożizzjoni tar-riċevitur ekwivalenti tittieħed fuq il-linja tal-viżjoni vertikalment fuq ir-riċevitur reali; jiġifieri:

| | |
|---|---|
| $d_{R'} = d_R$ | (2.5.47) |

| | |
|---|---|
| $h_{R'} = max\left(h_R, h_B \dfrac{d_B + d_R - d_n}{d_B - d_n}\right)$ | (2.5.48)" |

(10) It-Taqsima 2.7.5 "Storbju u prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru" hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.7.5 ***Storbju u prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru***

Il-bażi tad-*data* tal-ANP mogħtija fl-Appendiċi I fiha l-koeffiċjenti tal-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru u tal-magni, il-profili tat-tluq u tal-avviċinament kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn l-NPD għal proporzjon sostanzjali ta' inġenji tal-ajru ċivili li joperaw minn ajruporti tal-Unjoni Ewropea. Għal tipi jew varjanti ta' inġenji tal-ajru li għalihom bħalissa ma hemmx *data* elenkata, dawn jistgħu jkunu rappreżentati l-aħjar minn *data* għal inġenji tal-ajru oħrajn, ġeneralment simili li huma elenkati.

Din id-*data* ġiet derivata biex jiġu kkalkulati l-kontorni tal-istorbju għal flotta medja jew rappreżentattiva u għal taħlita ta' traffiku f'ajruport. Jista' ma jkunx xieraq li wieħed jipprevedi livelli assoluti ta' storbju ta' mudell ta' inġenju tal-ajru individwali u mhuwiex xieraq li wieħed iqabbel il-prestazzjoni tal-istorbju u l-karatteristiċi ta' tipi, mudelli jew flotta speċifika ta' inġenji tal-ajru. Minflok, biex jiġi ddeterminat liema tipi, mudelli jew flotta speċifika ta' inġenji tal-ajru huma l-aktar kontributuri storbjużi, għandhom jiġu eżaminati ċ-ċertifikati tal-istorbju.

Il-bażi tad-*data* tal-ANP tinkludi profil prestabbiliti wieħed jew aktar tat-tlugħ u tal-landjar għal kull tip ta' inġenju tal-ajru elenkat. L-applikabbiltà ta' dawn il-profili għall-ajruport taħt kunsiderazzjoni għandha tiġi eżaminata, u għandhom jiġu determinati l-profili b'punt fiss jew inkella l-passi proċedurali li jirrappreżentaw l-aħjar l-operazzjonijiet tat-titjir f'dan l-ajruport."

(11) Fit-Taqsima 2.7.11, it-titolu tat-tieni paragrafu taħt l-intestaturi "Dispersjoni tat-trajettorja" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Dispersjoni laterali tat-trajettorja*"

(12) Fit-Taqsima 2.7.12, wara s-sitt subparagrafu u qabel is-seba' u l-aħħar subparagrafu, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Sors ta' storbju minn inġenju tal-ajru jenħtieġ li jiddaħħal f'għoli minimu ta' 1,0 m (3,3 pied) 'il fuq mil-livell tal-ajrudrom, jew 'il fuq mil-livelli ta' elevazzjoni tat-terren tar-runway, skont kif rilevanti."

(13) It-Taqsima 2.7.13, "*Tiswir tas-segmenti tar-rotta tat-titjira*" hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.7.13 ***Tiswir tas-segmenti tat-trajettorja tat-titjira***

Kull trajettorja tat-titjira trid tiġi definita minn sett ta' koordinati tas-segmenti (nodi) u parametri tat-titjira. Il-punt tal-bidu jingħata sabiex jiġu stabbiliti l-koordinati tas-segmenti tat-trajettorja tal-art. Imbagħad jiġi kkalkulat il-profil tat-titjira, filwaqt li ta' min ifakkar li għal sett partikolari ta' passi proċedurali, il-profil jiddependi mit-trajettorja tal-art; eż. bl-istess forza propulsiva u veloċità, ir-rata tat-tlugħ tal-inġenju tal-ajru hija inqas f'liwjiet milli f'titjira dritta. L-Imbagħad issir subsegmentazzjoni għall-inġenju tal-ajru fuq ir-runway (tidwir fuq l-art għall-qtugħ jew għal-landjar), u għall-inġenju tal-ajru qrib ir-runway (tlugħ inizjali jew avviċinament finali). Imbagħad jenħtieġ li ssir subsegmentazzjoni tas-segmenti fl-ajru b'veloċitajiet ferm differenti fil-punti tat-tluq u tat-tmiem tagħhom. Il-koordinati bidimensjonali tas-segmenti tat-trajettorja tal-art * jiġu determinati u magħquda mal-profil bidimensjonali tat-titjira sabiex jiġu determinati s-segmenti tridimensjonali tat-trajettorja tat-titjira. Fl-aħħar nett, punti tat-trajettorja tat-titjira li jkunu qrib wisq ta' xulxin jitneħħew.

*Profil tat-titjira*

Il-parametri li jiddeskrivu kull segment tal-profil tat-titjira fil-bidu (suffiss 1) u fit-tmiem (suffiss 2) tas-segment huma:

$s_1$, $s_2$ id-distanza tul it-trajettorja tal-art,

$z_1$, $z_2$ l-għoli tal-ajruplan,

$V_1$, $V_2$ il-veloċità fuq l-art,

$P_1$, $P_2$ il-parametru tal-potenza b'rabta mal-istorbju (li jaqbel ma' dak li għalih huma ddefiniti l-kurvi tal-NPD), u

$\varepsilon_1$, $\varepsilon_2$ l-angolu ta' inklinazzjoni laterali.

Biex jinbena profil tat-titjira minn sett ta' passi proċedurali (*sinteżi tar-rotta tat-titjira*), is-segmenti jinbnew f'sekwenza biex jinkisbu l-kundizzjonijiet meħtieġa fil-punti tat-tmiem. Il-parametri tal-punt tat-tmiem għal kull segment isiru l-parametri tal-punt tal-bidu għas-segment li jmiss. Fi kwalunkwe kalkolu tas-segment, il-parametri jkunu magħrufin mill-bidu; il-kundizzjonijiet meħtieġa fit-tmiem huma speċifikati mill-passi proċedurali. Il-passi nfushom huma definiti jew mill-elementi prestabbiliti tal-ANP jew mill-utent (eż. minn manwali tat-titjir tal-inġenju tal-ajru). Il-kundizzjonijiet tat-tmiem normalment ikunu l-għoli u l-veloċità; il-kompitu ta' bini tal-profil huwa biex tiġi determinata d-distanza tat-trajettorja koperta fl-ilħuq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-parametri mhux definiti jiġu determinati bil-kalkoli tal-prestazzjoni tat-titjira deskritti fl-**Appendiċi B**.

Jekk it-trajettorja tal-art tkun dritta, il-punti ta' profil u l-parametri tat-titjira assoċjati jistgħu jiġu determinati indipendentement mit-trajettorja tal-art (l-angolu ta' inklinazzjoni laterali huwa dejjem żero). Madankollu, it-trajettorji tal-art rari jkunu dritti; normalment jinkorporaw liwjiet u, sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati, dawn għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi determinat profil tat-titjira bidimensjonali, billi meta jkun hemm bżonn is-segmenti tal-profil jinqasmu f'nodi tat-trajettorja tal-art biex jiddaħħlu l-bidliet fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Bħala regola, it-tul tas-segment li jmiss ma jkunx magħruf mill-bidu nett u jiġi kkalkulat b'mod provviżorju bis-suppożizzjoni li ma jkunx hemm tibdil fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Jekk imbagħad jinstab li s-segment provviżorju jestendi tul nodu wieħed jew iktar tat-trajettorja tal-art, bl-ewwel wieħed f's, jiġifieri $s_1 < s < s_2$, is-segment jiġi tronkat f's, u l-parametri hemmhekk jiġu kkalkulati permezz ta' interpolazzjoni (ara aktar 'l isfel). Dawn isiru l-parametri tal-punt tat-tmiem tas-segment attwali u l-parametri tal-punt tal-bidu ta' segment ġdid - li xorta jkollu l-istess kundizzjonijiet tat-tmiem fil-mira. Jekk ma jkunx hemm nodu ta' intervent tat-trajettorja tal-art is-segment provviżorju jiġi kkonfermat.

Jekk l-effetti tal-liwjiet fuq il-profil tat-titjira jkollhom jiġu injorati, tiġi adottata s-soluzzjoni ta' segment uniku f'titjira dritta għalkemm l-informazzjoni dwar l-angolu ta' inklinazzjoni laterali tinżamm għal użu sussegwenti.

Kemm jekk l-effetti tal-liwja jiġu mmudellati bis-sħiħ kif ukoll jekk le, kull trajettorja tat-titjira tridimensjonali tiġi ġġenerata permezz tal-amalgamazzjoni tal-profil tat-titjira bidimensjonali tagħha mat-trajettorja tal-art bidimensjonali tagħha. Ir-riżultat huwa sekwenza ta' settijiet ta' koordinati (*x,y,z*), li kull wieħed huwa jew nodu tat-trajettorja tal-art segmentata, nodu tal-profil tat-titjira jew it-tnejn li huma, u l-punti ta' profil jkunu akkumpanjati mill-valuri tal-għoli korrispondenti z, il-veloċità fuq l-art *V*, l-angolu ta' inklinazzjoni laterali ε u l-potenza tal-magna *P*. Għal punt fuq trajettorja (*x,y*) li jaqa' bejn il-punti tat-tmiem ta' segment ta' profil tat-titjira, il-parametri tat-titjira jiġu interpolati kif ġej:

| | |
|---|---|
| $z = z_1 + f \cdot (z_2 - z_1)$ | (2.7.3) |
| $V = \sqrt{V_1^2 + f \cdot (V_2^2 - V_1^2)}$ | (2.7.4) |
| $\varepsilon = \varepsilon_1 + f \cdot (\varepsilon_2 - \varepsilon_1)$ | (2.7.5) |
| $P = \sqrt{P_1^2 + f \cdot (P_2^2 - P_1^2)}$ | (2.7.6) |

fejn

| | |
|---|---|
| $f = (s - s_1)/(s_2 - s_1)$ | (2.7.7) |

Għandu jiġi nnotat illi filwaqt li huwa preżunt li z u ε ivarjaw b'mod lineari mad-distanza, huwa preżunt li *V* u *P* ivarjaw b'mod lineari maż-żmien (jiġifieri aċċellerazzjoni kostanti **).

Meta s-segmenti tal-profil tat-titjira jitqabblu mad-*data* mir-radar (*analiżi tat-trajettorja tat-titjira*) id-distanzi, l-għoli, il-veloċitajiet u l-angoli ta' inklinazzjoni laterali tal-punt tat-tmiem jiġu determinati direttament mid-*data*; huma biss il-parametri tal-potenza li jridu jiġu kkalkulati billi jintużaw l-ekwazzjonijiet tal-prestazzjoni. Peress li l-koordinati tat-trajettorja tal-art u tal-profil tat-titjira jistgħu jitqabblu kif xieraq ukoll, normalment dan ikun pjuttost sempliċi.

*Tidwir fuq l-art għall-qtugħ*

Waqt li jkun qed jinqata' mill-art, meta inġenju tal-ajru jaċċellera bejn il-punt ta' rilaxx tal-brejkijiet (magħruf ukoll bħala l-Bidu tat-Tidwir *SOR*) u l-punt tal-qtugħ mill-art, il-veloċità tinbidel b'mod drammatiku tul distanza ta' 1 500 sa 2 500 m, minn żero għal bejn madwar 80 u 100 m/s.

B'hekk, it-tidwir għall-qtugħ jinqasam f'segmenti b'tulijiet varjabbli li matulhom il-veloċità tal-inġenju tal-ajru tinbidel b'inkrement speċifiku Δ*V* ta' mhux aktar minn 10 m/s (madwar 20kt). Għalkemm fil-fatt tvarja matul it-tidwir għall-qtugħ, suppożizzjoni ta' aċċellerazzjoni kostanti hija adegwata għal dan il-għan. F'dan il-każ, għall-fażi tal-qtugħ, $V_1$ hija l-veloċità inizjali, $V_2$ hija l-veloċità tal-qtugħ, $n_{TO}$ hija l-għadd ta' segmenti tal-qtugħ u $s_{TO}$ hija d-distanza tal-qtugħ ekwivalenti. Għal distanza tal-qtugħ ekwivalenti $s_{TO}$ (ara l-**Appendiċi B**) u l-veloċità tal-qtugħ $V_1$ u l-veloċità tal-qtugħ $V_{TO}$, l-għadd $n_{TO}$ ta' segmenti għat-tidwir fuq l-art huwa

| | |
|---|---|
| $n_{TO} = int\,(1 + (V_{TO} - V_1)\,/10)$ | (2.7.8) |

u għalhekk il-bidla fil-veloċità tul segment hija

| | |
|---|---|
| $\Delta V = V_{TO}/n_{TO}$ | (2.7.9) |

u l-ħin Δt f'kull segment huwa (b'suppożizzjoni ta' aċċellerazzjoni kostanti)

| | |
|---|---|
| $\Delta_t = \frac{2.s_{TO}}{V_{TO}.n_{TO}}$ | (2.7.10) |

Imbagħad, it-tul $s_{TO,k}$ ta’ segment k ($1 \le k \le n_{TO}$) tat-tidwir tal-qtugħ huwa:

| | |
|---|---|
| $s_{TO,k} = (k - 0.5) \cdot \Delta V \cdot \Delta t = \frac{(2k-1) \cdot s_{TO}}{{n_{TO}}^2}$ | (2.7.11) |

Eżempju: Għal distanza tal-qtugħ $s_{TO}$ = 1 600 m, $V_1$=0m/s u $V_2$ = 75 m/s, dan iwassal għal $n_{TO}$ = 8 segmenti b’tulijiet li jvarjaw bejn 25 u 375 metru (ara l-**Illustrazzjoni 2.7.g**):

*Illustrazzjoni 2.7.g*

**Segmentazzjoni ta’ tidwir għall-qtugħ (eżempju għal 8 segmenti)**




B’mod simili għat-tibdil fil-veloċità, il-forza propulsiva ta’ inġenju tal-ajru tinbidel ma’ kull segment permezz ta’ inkrement kostanti $\Delta P$, ikkalkulat hekk

| | |
|---|---|
| $\Delta P = (P_{TO} - P_{init}) / n_{TO}$ | (2.7.12) |

fejn $P_{TO}$ u $P_{init}$ rispettivament jiddeżinjaw il-forza propulsiva tal-inġenju tal-ajru fil-punt tal-qtugħ mill-art u l-forza propulsiva tal-inġenju tal-ajru fil-bidu tat-tidwir għall-qtugħ.

L-użu ta’ dan l-inkrement kostanti fil-forza propulsiva (minflok l-użu tal-ekwazzjoni tal-forma kwadratika 2.7.6) għandu l-għan li jkun konsistenti mar-relazzjoni lineari bejn il-forza propulsiva u l-veloċità fil-każ ta’ inġenju tal-ajru b’magna ġett.

**Nota importanti**: L-ekwazzjonijiet u l-eżempju ta’ hawn fuq jassumu b’mod impliċitu li l-veloċità inizjali tal-inġenju tal-ajru fil-bidu tal-fażi tal-qtugħ mill-art hija żero. Din tikkorrispondi għas-sitwazzjoni komuni fejn l-inġenju tal-ajru jibda jdur fuq l-art u jaċċellera mill-punt tar-rilaxx tal-brejk. Madankollu, hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn l-inġenju tal-ajru jista’ jibda jaċċellera mill-veloċità tat-taxiing tiegħu, mingħajr ma jieqaf fil-limitu tar-runway. F’dak il-każ ta’ veloċità inizjali mhux ta’ żero $V_{init}$,, jenħtieġ li jintużaw l-ekwazzjonijiet “ġeneralizzati” li ġejjin minflok l-ekwazzjonijiet 2.7.8, 2.7.9. 2.7.10 u 2.7.11.

| | |
|---|---|
| $\begin{cases} n_{TO} = int(1 + \lvert V_2 - V_1 \rvert / 10) \\ \Delta V = (V_2 - V_1)/n \\ \Delta t = \frac{2 \cdot s}{(V_2 + V_1) \cdot n} \\ s_k = (V_1 + \Delta V \cdot (k - 0.5)) \cdot \frac{2 \cdot s}{(V_2 + V_1) \cdot n} \end{cases}$ | (2.7.13) |

F’dan il-każ, għall-fażi tal-qtugħ mill-art, $V_1$ hija l-veloċità inizjali $V_{init}$, $V_2$ hija l-veloċità tal-qtugħ mill-art $V_{TO}$, $n$ huwa n-numru tas-segment tal-qtugħ $n_{TO}$, $s$ hija d-distanza tal-qtugħ ekwivalenti $s_{TO}$ u $s_k$ huwa t-tul $s_{TO,k}$ tas-segment $k$ (1[Simbolu]$k$[Simbolu]$n$).

*It-tidwir fuq l-art għal-landjar*

Għalkemm it-tidwir fuq l-art għal-landjar huwa essenzjalment l-oppost tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ, għandu jittieħed kont speċjali ta’

— il-*forza propulsiva invertita* li kultant tiġi applikata għad-deċelerazzjoni tal-inġenju tal-ajru u

— l-ajruplani li jitilqu mir-runway wara d-deċelerazzjoni (inġenji tal-ajru li jitilqu mir-runway ma jibqgħux jikkontribwixxu għall-istorbju tal-ajru peress li l-istorbju mit-taxiing jiġi injorat).

Għall-kuntrarju tad-distanza tat-tidwir għall-qtugħ, li tinkiseb mill-parametri tal-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru, id-distanza tal-waqfien $s_{stop}$ (jiġifieri d-distanza mit-touchdown sal-punt li fih l-inġenju tal-ajru jitlaq mir-runway) mhijiex purament speċifika għall-inġenju tal-ajru. Minkejja li distanza minima tal-waqfien tista' tiġi stmata mill-massa u mill-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru (u l-forza propulsiva invertita disponibbli), id-distanza tal-waqfien reali tiddependi wkoll fuq il-pożizzjoni tat-taxiways, fuq is-sitwazzjoni tat-traffiku, u fuq ir-regolamenti speċifiċi tal-ajruporti dwar l-użu ta' forza propulsiva invertita.

L-użu ta' forza propulsiva invertita mhuwiex proċedura standard - tiġi applikata biss jekk id-deċelerazzjoni meħtieġa ma tistax tinkiseb bl-użu tal-brejkijiet tar-roti. (Il-forza propulsiva invertita tista' tkun ta' xkiel eċċezzjonali peress li bidla rapida fil-potenza tal-magna minn aċċellerazzjoni minima għal rivers tipproduċi tifqigħa f'daqqa ta' storbju.)

Madankollu, ħafna mir-runways jintużaw għat-tluq kif ukoll għal-landjar b'tali mod li l-forza propulsiva invertita għandha effett żgħir ħafna fuq il-kontorni tal-istorbju peress li l-enerġija akustika totali fil-viċinanza tar-runway hija ddominata mill-istorbju prodott mill-operazzjonijiet ta' qtugħ. Il-kontribuzzjonijiet tal-forza propulsiva invertita għall-kontorni jistgħu jkunu sinifikanti biss meta l-użu tar-runway ikun limitat għal operazzjonijiet ta' llandjar.

Fiżikament, l-istorbju mill-forza propulsiva invertita huwa proċess ferm kumpless iżda minħabba s-sinifikanza relattivament żgħira tiegħu għall-kontorni tal-istorbju fl-arja, jista' jiġi mmudellat b'mod issimplifikat - billi l-bidla rapida fil-potenza tal-magna tittieħed f'kunsiderazzjoni permezz ta' segmentazzjoni xierqa.

Huwa ċar li l-immudellar tat-tidwir fuq l-art għal-landjar huwa inqas sempliċi meta mqabbel ma' storbju tat-tidwir għall-qtugħ. Is-suppożizzjonijiet simplifikati li ġejjin għall-immudellar huma rrakkomandati għall-użu ġenerali, meta ma jkunx hemm informazzjoni dettaljata disponibbli (ara l-**Illustrazzjoni 2.7.h.1**).

*Illustrazzjoni 2.7.h.1*

**Immudellar tat-tidwir fuq l-art għal-landjar**



L-inġenju tal-ajru jaqsam il-limitu tal-inżul (li għandu l-koordinati $s$ = 0 tul it-trajettorja tal-art ta' avviċinament) f'altitudni ta' 50 pied, u mbagħad ikompli jinżel fuq it-trajettorja tal-inżul tiegħu sakemm jillandja fuq ir-runway. Għal trajettorja ta' nżul ta' 3°, il-punt tat-touchdown huwa ta' 291 m lil hinn mil-limitu tal-landjar (kif muri fl-Illustrazzjoni 2.7.h.1). Imbagħad l-inġenju tal-ajru jiddeċellera tul distanza tal-waqfien $s_{stop}$ - li l-valuri speċifiċi għall-inġenju tal-ajru huma mogħtija fil-bażi tad-*data* tal-ANP - mill-veloċità tal-avviċinament finali $V_{final}$ għal 15 m/s. Minħabba t-tibdil rapidu fil-veloċità tul dan is-segment, dan jenħtieġ li jiġi subsegmentat bl-istess mod bħat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ (jew għal segmenti fl-ajru b'tibdil rapidu fil-veloċità), billi jintużaw l-ekwazzjonijiet ġeneralizzati 2.7.13 (peress li l-veloċità tax-taxiing mhijiex żero). It-tibdil fil-potenza tal-magna mill-potenza tal-avviċinament finali fit-touchdown għal parametru tal-potenza tal-forza propulsiva invertita $P_{rev}$ tul distanza $0{,}1 \bullet s_{stop}$, imbagħad jonqos għal 10 % tal-potenza massima disponibbli tul id-90 fil-mija li jifdal tad-distanza tal-waqfien. Sa tmiem ir-runway (f'$s = -s_{RWY}$) il-veloċità tal-inġenju tal-ajru tibqa' kostanti.

Attwalment il-kurvi tal-NPD għall-forza propulsiva invertita mhumiex inklużi fid-bażi tad-*data* tal-ANP, u għaldaqstant hemm bżonn li jintużaw il-kurvi konvenzjonali għall-immudellar ta' dan l-effett. Tipikament, il-potenza tal-forza propulsiva invertita $P_{rev}$ hija ta' madwar 20 % tal-parametru tal-potenza sħiħa u din hija rrakkomandata meta ma jkunx hemm informazzjoni operattiva disponibbli. Madankollu, t-tendenza hi li f'parametru tal-potenza partikolari, il-forza propulsiva invertita tiġġenera ħafna iktar storbju milli forza propulsiva 'l quddiem u għandu jiġi applikat inkrement $\Delta L$ għal-livell ta' event derivat mill-NPD, li jiżdied minn żero għal valur $\Delta L_{rev}$ (5dB hija r-rakkomandazzjoni provviżorja ***) tul $0{,}1 \bullet s_{stop}$ u mbagħad jonqos b'mod lineari għal żero tul il-bqija tad-distanza tal-waqfien.

*Segmentazzjoni tas-segmenti tat-tlugħ inizjali u tal-avviċinament finali*

Il-ġeometrija bejn is-segment u r-riċevitur tinbidel rapidament tul is-segmenti tal-ajru tat-tlugħ inizjali u tal-avviċinament finali, b'mod partikolari fir-rigward tal-punti ta' osservazzjoni mal-ġenb tat-trajettorja tat-titjira, fejn anke l-angolu ta' elevazzjoni (l-*angolu beta*) jinbidel rapidament meta l-inġenju tal-ajru jitla' jew jinżel minn ġo dawn is-segmenti inizjali/finali. It-tqabbil ma' kalkoli ta' segment żgħar ħafna juri li l-użu ta' segment tal-ajru uniku (jew ta' għadd limitat ta' segmenti) tat-tlugħ jew tal-avviċinament taħt ċertu għoli (relattiv għar-runway) iwassal għal approssimazzjoni fqira tal-istorbju fuq in-naħa tat-trajettorja tat-titjira għal metrija integrata. Dan huwa minħabba l-applikazzjoni ta' aġġustament uniku ta' attenwazzjoni laterali fuq kull segment, li jikkorrispondi għal valur uniku tal-angolu tal-elevazzjoni speċifiku għal kull segment, filwaqt li t-tibdil rapidu ta' dan il-parametru jwassal għal varjazzjonijiet sinifikanti fl-effett ta' attenwazzjoni laterali tul kull segment. L-akkuratezza tal-kalkolu tittejjeb permezz ta' subsegmentazzjoni tas-segmenti tal-ajru tat-tlugħ inizjali u dawk tal-aħħar avviċinament. L-għadd ta' subsegmenti u t-tul ta' kull wieħed minnhom jiddeterminaw il-"granularità" tal-bidla fl-attenwazzjoni laterali li se tittieħed f'kunsiderazzjoni. Meta wieħed josserva l-espressjoni tal-attenwazzjoni laterali totali għal inġenji tal-ajru b'magni mmuntati fil-fuselaġġ, jista' jintwera li għal bidla ta' limitazzjoni fl-attenwazzjoni laterali ta' 1.5 dB għal kull subsegment, is-segmenti tal-ajru tat-tlugħ u tal-approssimazzjoni f'għoli li ma jaqbiżx l-1 289,6 m (4 231 pied) 'il fuq mir-runway jenħtieġ li jiġu subsegmentati abbażi tas-sett ta' valuri tal-għoli li ġej:

*z = {18.9, 41.5, 68.3, 102.1, 147.5, 214.9, 334.9, 609.6, 1 289,6} metru, jew*

*z = {62, 136, 224, 335, 484, 705, 1 099, 2 000, 4 231} pied*

Għal kull segment oriġinali ta' inqas minn 1 289,6 m (4 231 pied), l-għoli ta' hawn fuq jiġi implimentat billi jiġi identifikat liema għoli fis-sett ta' hawn fuq jqarreb l-aktar l-għoli tal-punt tat-tmiem oriġinali (għal segment tat-tlugħ) jew l-għoli tal-punt tal-bidu (għal segment tal-avviċinament). Imbagħad, l-għoli proprju tas-subsegmenti $z_i$, jiġi kkalkulat bl-użu ta':

$z_i = z_e \, [z'_i \, / \, z'_N] \; (i = k..N)$

fejn:

$z_e$ huwa l-għoli tal-punt tat-tmiem tas-segment oriġinali (it-tlugħ) jew l-għoli tal-punt tal-bidu (avviċinament)

$z'_i$ huwa l-membru numru i tas-sett ta' valuri tal-għoli elenkati hawn fuq

$z'_N$ huwa l-eqreb għoli mis-sett ta' valuri tal-għoli elenkati hawn fuq għall-għoli $z_e$

$k$ jindika l-indiċi tal-ewwel membru tas-sett ta' valuri tal-għoli li għalihom iż-$z_k$ ikkalkulat huwa ferm akbar mill-għoli tal-punt tat-tmiem tas-segment tat-tlugħ oriġinali preċedenti jew mill-għoli tal-punt tal-bidu tas-segment tal-avviċinament oriġinali li jmiss li se jiġi sottosegmentat.
Fil-każ speċifiku ta' segment tat-tlugħ inizjali jew ta' segment tal-aħħar avviċinament, *k = 1*, iżda fil-każ aktar ġenerali ta' segmenti fl-arja li mhumiex konnessi mar-runway, *k* ikun akbar minn 1.

**Eżempju għal segment tat-tlugħ inizjali:**

Jekk l-għoli tal-punt ta' tmiem tas-segment oriġinali huwa $z_e$ = 304.8 m, allura mis-sett ta' valuri tal-għoli, 214.9 m < $z_e$ < 334.9 m u l-eqreb għoli mis-sett sa $z_e$ huwa $z'_7$ = 334.9 m. Imbagħad, l-għoli tal-punti tat-tmiem tas-subsegmenti jiġi kkomputat hekk:

$z_i = 304,8\ [z'_i\ /\ 334,9]$ *għal i = 1 sa 7*

(filwaqt li jiġi nnotat li f'dak il-każ *k =1*, peress li dan huwa segment tat-tlugħ inizjali)

B'hekk $z_1$ ikun ta' 17,2 m u $z_2$ ikun ta' 37,8 m, eċċ.

*Segmentazzjoni ta' segmenti fl-ajru*

Għal segmenti fl-ajru meta jkun hemm tibdil sinifikanti fil-veloċità tul segment, dan għandu jiġi suddiviż bħal fil-każ tat-tidwir fuq l-art, jiġifieri

| | |
|---|---|
| $n_{seg} = int\ (1 + \lvert V_2 - V_1 \rvert /10)$ | (2.7.14) |

fejn $V_1$ u $V_2$ huma l-veloċitajiet tal-bidu u tat-tmiem tas-segment rispettivament. Il-parametri tas-subsegmenti korrispondenti jiġu kkalkulati b'mod simili bħat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ, billi jintużaw l-ekwazzjonijiet 2.7.9 sa 2.7.11.

*Trajettorja tal-art*

Trajettorja tal-art, kemm jekk trajettorja taċ-ċentru jew subtrajettorja dispersa, hija definita minn serje ta' koordinati (*x,y*) fil-pjan tal-art (eż. minn informazzjoni mir-radar) jew minn sekwenza ta' kmandi vettorjali li jiddeskrivu segmenti dritti u arki ċirkolari (liwjiet b'raġġ definit *r* u tibdil fid-direzzjoni Δξ).

Għall-immudellar tas-segmentazzjoni, ark huwa rappreżentat minn sekwenza ta' segmenti dritti mdaħħlin f'subarki. Għalkemm ma jidhrux espliċitament fis-segmenti tat-trajettorja tal-art, l-inklinazzjoni laterali tal-inġenju tal-ajru matul il-liwjiet tinfluwenza d-definizzjoni tagħhom. L-**Appendiċi B**4 jispjega kif jiġu kkalkulati l-angoli ta' inklinazzjoni laterali waqt liwja kostanti iżda ovvjament dawn ma jiġux effettivament applikati jew jitneħħew f'daqqa. Mhuwiex prestabbilit kif wieħed għandu jieħu ħsieb tranżizzjonijiet bejn titjira dritta u f'liwja, jew bejn liwja u oħra li tiġi eżatt warajha. Bħala regola, id-dettalji, li jitħallew f'idejn l-utent (ara t-**Taqsima 2.7.11**), x'aktarx għandhom effett negliġibbli fuq il-kontorni finali; ir-rekwiżit huwa li primarjament jiġu evitati inkonsistenzi kbar fit-tmiem tal-liwja u dan jista' jinkiseb b'mod sempliċi billi, pereżempju, jiddaħħlu segmenti ta' tranżizzjoni qosra li matulhom l-angolu ta' inklinazzjoni laterali jinbidel b'mod lineari mad-distanza. Sempliċiment fil-każ speċjali fejn liwja partikolari jista' jkollha effett dominanti fuq il-kontorni finali jkun hemm bżonn li tiġi mmudellata d-dinamika tat-transizzjoni b'mod iktar realistiku, sabiex l-angolu ta' inklinazzjoni laterali jiġi relatat ma' tipi partikolari ta' inġenji tal-ajru u sabiex jiġu adottati rati ta' tidwir xierqa. Hawnhekk huwa biżżejjed li jiġi ddikjarat li s-subarki tat-tmiem $\Delta\xi_{trans}$ f'kull liwja huma dettati mir-rekwiżiti dwar it-tibdil fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Il-bqija tal-ark b'tibdil fil-gradi tad-direzzjoni $\Delta\xi - 2 \cdot \Delta\xi_{trans}$ tinqasam f'subarki $n_{sub}$ skont l-ekwazzjoni:

| | |
|---|---|
| $n_{sub} = int\ (1 + (\Delta\xi - 2 \bullet \Delta\xi_{trans})\ /\ 10$ | (2.7.15) |

fejn int(*x*) hija funzjoni li tirritorna l-parti intiġer ta' *x*. Imbagħad il-bidla fid-direzzjoni $\Delta\xi_{sub}$ ta' kull subark tinħadem hekk

| | |
|---|---|
| $\Delta\xi = (\xi - 2 \bullet \Delta\xi_{trans})\ /\ n_{sub}$ | (2.7.16) |

fejn $n_{sub}$ trid tkun kbira biżżejjed biex jiġi żgurat li $\Delta\xi_{sub} \leq 10$ gradi. Is-segmentazzjoni ta' ark (esklużi s-subsegmenti ta' tranżizzjoni ta' tmiem) hija murija fl-**Illustrazzjoni 2.7.h.2** ****.

*Illustrazzjoni 2.7.h.2*

**Tiswir tas-segmenti tar-rotta tat-titjira li jaqsmu liwja f'segmenti ta' tul Δ*s* (dehra superjuri fil-pjan orizzontali, dehra inferjuri fil-pjan vertikali)**




Ladarba s-segmenti tat-trajettorja tal-art ikunu ġew stabbiliti fil-pjan x-y, is-segmenti tal-profil tat-titjira (fil-pjan s-z) jiġu sovrapposti sabiex jiġu prodotti s-segmenti tridimensjonali (x, y, z) tat-trajettorja.

It-trajettorja tal-art jenħtieġ li dejjem testendi mir-runway u lil hinn mill-medda tal-grilja ta' kalkolu. Dan jista' jinkiseb, jekk ikun hemm bżonn, billi jiżdied segment dritt ta' tul xieraq mal-aħħar segment tat-trajettorja tal-art.

It-tul totali tal-profil tat-titjira, ladarba jingħaqad mat-trajettorja tal-art, irid jestendi wkoll mir-runway u lil hinn mill-medda tal-grilja ta' kalkolu. Dan jista' jinkiseb, jekk ikun meħtieġ, billi jiżdied punt ta' profil ieħor:

— sat-tmiem ta' profil tat-tluq b'valuri tal-veloċità u tal-forza propulsiva ugwali għal dawk tal-aħħar punt tal-profil tat-tluq, u l-għoli estrapolat b'mod lineari mill-aħħar punt tal-profil u dak ta' qabel tal-aħħar; jew

— sal-bidu ta' profil tal-wasla b'valur tal-veloċità u tal-forza propulsiva ugwali għal dak tal-punt tal-profil tal-ewwel wasla, u l-għoli estrapolat b'mod lineari lura mill-punti tal-ewwel u tat-tieni profili.

*Aġġustamenti fis-segmentazzjoni ta' segmenti fl-ajru*

Wara li s-segmenti tat-trajettorja tat-titjira 3-D ikunu nkisbu skont il-proċedura deskritta fit-**Taqsima 2.7.13**, jistgħu jkunu meħtieġa aġġustamenti ulterjuri tas-segmentazzjoni sabiex jitneħħew il-punti tat-trajettorja tat-titjira li huma qrib wisq ta' xulxin.

Meta l-punti kontigwi jkunu inqas minn 10 metri minn xulxin, u meta l-veloċitajiet u l-forzi propulsivi assoċjati jkunu l-istess, wieħed mill-punti jenħtieġ li jiġi eliminat."

* Għal dan l-għan, it-tul totali tat-trajettorja tal-art jenħtieġ li dejjem jaqbeż dak tal-profil tat-titjira. Dan jista' jinkiseb, jekk ikun hemm bżonn, billi jiżdiedu segmenti dritti ta' tul xieraq mal-aħħar segment tat-trajettorja tal-art.

** Anki jekk il-parametri tal-potenza tal-magna jibqgħu kostanti tul segment, il-forza propulsiva u l-aċċellerazzjoni jistgħu jinbidlu minħabba varjazzjoni fid-densità tal-arja mal-għoli. Madankollu, għall-finijiet ta' mmudellar tal-istorbju, normalment dawn il-bidliet ikunu negliġibbli.

*** Dan kien rakkomandat fl-edizzjoni ta' qabel tad-Dok 29 tal-ECAC iżda għadu meqjus provviżorju sakemm tinkiseb *data* sperimentali korroborattiva ulterjuri.

**** Definit b'dan il-mod sempliċi, it-tul totali tat-trajettorja segmentata huwa ftit inqas minn dak tat-trajettorja ċirkolari. Madankollu, l-iżball konsegwenti tal-kontorn huwa negliġibbli jekk l-inkrementi angolari huma taħt it-30°.

(14) Taqsima 2.7.16. "*Stabbiliment tal-livelli tal-event mid-data NPD*", hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.7.16 ***Stabbiliment tal-livelli tal-event mid-data NPD***

Is-sors ewlieni tad-*data* dwar l-istorbju tal-inġenji tal-ajru huwa l-bażi tad-*data* internazzjonali dwar il-Prestazzjoni u l-Istorbju tal-Inġenji tal-Ajru (ANP). Din tippreżenta f'forma tabulari $L_{max}$ u $L_E$ bħala funzjonijiet tad-distanza ta' propagazzjoni *d* - għal tipi speċifiċi ta' inġenji tal-ajru, varjanti, konfigurazzjonijiet tat-titjir (avviċinament, tluq, parametri tal-flaps), u parametri tal-potenza *P*. Jittrattaw titjir kostanti b'veloċitajiet ta' referenza speċifiċi $V_{ref}$ tul trajettorja tat-titjira dritta nozzjonalment infinita *.

Il-mod kif jiġu speċifikati l-valuri tal-varjabbli indipendenti *P* u *d* huwa deskritt iktar 'il quddiem. F'look-up waħda, b'valuri tal-input *P* u *d*, il-valuri tal-output meħtieġa huma l-*livelli bażi* $L_{max}(P,d)$ u/jew $L_{E\infty}(P,d)$ (applikabbli għal trajettorja tat-titjira infinita). Sakemm il-valuri ma jinzertawx tabulati għal *P* u/jew għal *d* bl-eżatt, ġeneralment ikun hemm bżonn li l-livell jew il-livelli tal-istorbju ta' event jiġu stmati permezz ta' interpolazzjoni. Bejn parametri tal-potenza tabulari tintuża interpolazzjoni lineari, filwaqt li bejn distanzi tabulari tintuża interpolazzjoni logaritmika (ara l-**Illustrazzjoni 2.7.i**).

*Illustrazzjoni 2.7.i*

**Interpolazzjoni fil-kurvi ta' storbju-potenza-distanza**




Jekk $P_i$ u $P_{i+1}$ huma l-valuri tal-potenza tal-magna li għalihom id-*data* dwar il-livell tal-istorbju kontra d-distanza hija tabulata, il-livell tal-istorbju *L(P)* f'distanza partikolari għal potenza intermedja *P*, bejn $P_i$ u $P_{i+1,}$tingħata hekk:

$$L(P) = L(P_i) + \frac{L(P_{i+1}) - L(P_i)}{P_{i+1} - P_i} \cdot (P - P_i) \quad (2.7.19)$$

Jekk, f'xi parametru tal-potenza, $d_i$ u $d_{i+1}$ huma distanzi li għalihom id-*data* dwar l-istorbju hija tabulari, il-livell tal-istorbju *L(d)* għal distanza intermedja *d*, bejn $d_i$ u $d_{i+1}$ tingħata hekk

| | |
|---|---|
| $$L(d) = L(d_i) + \frac{L(d_{i+1}) - L(d_i)}{\log d_{i+1} - \log d_i} \cdot (\log d - \log d_i)$$ | (2.7.20) |

Bl-użu tal-ekwazzjonijiet (2.7.19) u (2.7.20), jista' jinkiseb livell ta' storbju *L(P,d)* għal kwalunkwe parametru tal-potenza *P* u kwalunkwe distanza *d* li jaqgħu fi ħdan l-envelopp tal-bażi tad-*data* tal-NPD.

Għal distanzi *d* li jaqgħu barra l-envelopp tal-NPD, tintuża l-ekwazzjoni 2.7.20 biex issir estrapolazzjoni mill-aħħar żewġ valuri, jiġifieri 'l ġewwa minn $L(d_1)$ u $L(d_2)$ jew 'il barra minn $L(d_{I-1})$ u $L(d_I)$ fejn *I* huwa l-għadd totali ta' punti tal-NPD fuq il-kurva. B'hekk

'Il ġewwa:

| | |
|---|---|
| $$L(d) = L(d_2) + \frac{L(d_1) - L(d_2)}{\log d_2 - \log d_1} \cdot (\log d_2 - \log d)$$ | (2.7.21) |

'Il barra:

| | |
|---|---|
| $$L(d) = L(d_{I-1}) - \frac{L(d_{I-1}) - L(d_I)}{\log d_I - \log d_{I-1}} \cdot (\log d - \log d_{I-1})$$ | (2.7.22) |

Peress li, fuq distanzi qosra *d*, il-livelli tal-istorbju jiżdiedu malajr ħafna bi tnaqqis fid-distanza ta' propagazzjoni, huwa rrakkomandat li jiġi impost limitu inferjuri ta' 30 m fuq *d*, jiġifieri *d* = max(*d*, 30 m).

Aġġustament tal-impedenza tad-*data* NPD standard

Id-*data* NPD ipprovduta fil-bażi tad-*data* tal-ANP hija normalizzata għal kundizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza (temperatura ta' 25 °C u pressjoni ta' 101.325 kPa). Qabel ma jiġi applikat il-metodu ta' interpolazzjoni/estrapolazzjoni deskritt qabel, għandu jiġi applikat aġġustament tal-impedenza akustika għal dik id-*data* NPD standard.

L-impedenza akustika hija relatata mal-propagazzjoni tal-mewġ tal-ħoss f'midjum akustiku, u hija definita bħala l-prodott tad-densità tal-arja u l-veloċità akustika. Għal intensità tal-ħoss partikolari (potenza għal kull żona unitarja) perċepita minn distanza speċifika mis-sors, il-pressjoni akustika assoċjata (użata biex jiġu definiti l-metriċi SEL u $L_{Amax}$) tiddependi fuq l-impedenza akustika tal-arja fil-post tal-kejl. Hija funzjoni tat-temperatura, il-pressjoni atmosferika (u indirettament l-altitudni). Għaldaqstant hemm bżonn li tiġi aġġustata d-*data* NPD standard tal-bażi tad-*data* tal-ANP sabiex jittieħed kont tat-temperatura u tal-kundizzjonijiet tal-pressjoni proprji fil-punt riċeventi, li ġeneralment ikunu differenti mill-kundizzjonijiet normalizzati tad-*data* tal-ANP.

L-aġġustament tal-impedenza li jrid jiġi applikat għal-livelli standard tal-NPD jinkiseb kif ġej:

| | |
|---|---|
| $$\Delta_{Impedance} = 10 \cdot lg\left(\frac{\rho \cdot c}{409.81}\right)$$ | (2.7.23) |

fejn:

| | |
|---|---|
| $\Delta_{Impedance}$ | Aġġustament tal-impedenza għall-kundizzjonijiet atmosferiċi attwali fil-punt riċeventi (dB) |
| $\rho \cdot c$ | Impedenza akustika (sekondi • newton/m³) tal-arja fl-elevazzjoni tal-ajrudrom (409,81 li hija l-impedenza tal-arja assoċjata mal-kundizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza tad-*data* NPD fil-bażi tad-*data* tal-ANP). |

L-impedenza $\rho \cdot c$ tiġi kkalkulata kif ġej:

| | |
|---|---|
| $\rho \cdot c = 416.86 \cdot \left[\frac{\delta}{\theta^{1/2}}\right]$ | (2.7.24) |

δ $p/po$, il-proporzjon tal-pressjoni tal-arja ambjentali fl-altitudni tal-osservatur għall-pressjoni tal-arja standard fil-livell medju tal-baħar: $p_0$ = 101,325 kPa (jew 1 013,25 mb)

ϑ $(T + 273.15)/(T_0 + 273.15)$ il-proporzjon tat-temperatura tal-arja fl-altitudni tal-osservatur għat-temperatura tal-arja standard fil-livell medju tal-baħar: $T_0$ = 15,0 °C

L-aġġustament tal-impedenza akustika normalment ikun inqas minn ftit deċimi ta' dB. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi nnotat li f'kundizzjonijiet atmosferiċi standard ($p_0$ = 101,325 kPa u $T_0$ = 15,0 °C), l-aġġustament tal-impedenza huwa inqas minn 0,1 dB (0,074 dB). Madankollu, meta jkun hemm varjazzjoni importanti fit-temperatura u fil-pressjoni atmosferika relattivi għall-kundizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza tad-*data* NPD, l-aġġustament jista' jkun iktar sostanzjali."

* Għalkemm il-kunċett ta' trajettorja ta' titjira infinitament twila huwa importanti għad-definizzjoni tal-livelli ta' esponiment akustiku ta' event $L_E$, għandu inqas rilevanza fil-każ ta' livell massimu ta' event $L_{max}$ li huwa rregolat mill-istorbju emess mill-inġenju tal-ajru meta jkun f'pożizzjoni partikolari jew fl-eqreb punt ta' avviċinament għall-osservatur jew fil-viċin. Għall-finijiet ta' mmudellar, il-parametru tad-distanza tal-NPD jitqies li huwa d-distanza minima bejn l-osservatur u s-segment.

(15) Fit-Taqsima 2.7.18. "*Parametri tas-segment tar-rotta tat-titjira*", il-paragrafu taħt l-intestaturi "Potenza tas-segment P" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Potenza tas-segment P*

Id-*data* tabulari NPD tiddeskrivi l-istorbju ta' inġenju tal-ajru f'titjira dritta kostanti fuq trajettorja ta' titjira infinita, jiġifieri b'potenza tal-magna kostanti *P*. Il-metodoloġija rakkomandata taqsam it-trajettorji tat-titjir proprji, li matulhom il-veloċità u d-direzzjoni jvarjaw, f'għadd ta' segmenti finiti, li mbagħad kull wieħed minnhom jittieħed bħala parti minn trajettorja tat-titjira uniformi u infinita li għaliha d-*data* NPD hija valida. Iżda l-metodoloġija tipprovdi għal bidliet fil-potenza tul segment; din titqies li tinbidel kwadratikament skont id-distanza minn $P_1$ fil-bidu tagħha sa $P_2$ fit-tmiem tagħha. Għalhekk hemm bżonn li jiġi definit valur kostanti ekwivalenti tas-segment *P*. Dan jitqies li huwa l-valur fil-punt fuq is-segment li huwa l-eqreb għall-osservatur. Jekk l-osservatur ikun maġenb is-segment (Illustrazzjoni 2.7.k), dan jinkiseb b'interpolazzjoni kif mogħti mill-ekwazzjoni 2.7.8 bejn il-valuri ta' tmiem, jiġifieri

| | |
|---|---|
| $P = \sqrt{P_1^2 + \frac{q}{\lambda} \cdot (P_2^2 - P_1^2)}$ | (2.7.31) |

Jekk l-osservatur ikun qiegħed wara jew quddiem is-segment, huwa dak fl-eqreb punt ta' tmiem, $P_1$ jew $P_2$."

(16) It-Taqsima 2.7.19 hija emendata kif ġej

(a) il-paragrafu taħt l-intestaturi *Il-korrezzjoni tad-durata DV (Livelli ta' esponiment LE biss)*" sa u inkluża l-formula 2.7.34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Il-korrezzjoni tad-durata $\Delta_V$ (Livelli ta' esponiment $L_E$ biss)*

Din il-korrezzjoni * tieħu kont tal-bidla fil-livelli ta' esponiment jekk il-veloċità fuq l-art attwali tas-segment hija differenti mill-veloċità ta' referenza $V_{ref}$ tal-inġenju tal-ajru li magħha hija relatata d-*data* NPD bażika.

Bħall-potenza tal-magna, il-veloċità tvarja tul is-segment tat-trajettorja tat-titjira (minn $V_{T1}$ sa $V_{T2}$, li huma l-output tal-veloċitajiet mill-Appendiċi B jew minn profil tat-titjira kkalkulat minn qabel).

Għal segmenti fl-ajru, $V_{seg}$ hija l-veloċità tas-segment fl-eqreb punt ta' avviċinament, **S**, interpolata bejn il-valuri tal-punt tat-tmiem tas-segment filwaqt li jiġi supponut li tvarja kwadratikament mal-ħin; jiġifieri jekk l-osservatur huwa maġenb is-segment:

| | |
|---|---|
| $V_{seg} = \sqrt{V_1^2 + \frac{q}{\lambda} \cdot (V_2^2 - V_1^2)}$ | (2.7.32) |

* Din hija magħrufa bħala l-*korrezzjoni tad-durata* għaliex tieħu kont tal-effetti tal-*veloċità* tal-inġenju tal-ajru fuq id-durata tal-fenomenu akustiku - l-implimentazzjoni tas-sempliċi suppożizzjoni li, jekk mill-bqija kollox jibqa' kif inhu, id-durata, u b'hekk l-enerġija akustika tal-event riċevuta, hija inversament proporzjonali għall-veloċità tas-sors".

(b) in-numri tal-formula "(2.7.35)", "(2.7.36)" u "(2.7.37)", huma sostitwiti rispettivament bin-numri l-oħra li ġejjin:

"(2.7.33)", "(2.7.34)" u "(2.7.35)".

(c) l-ewwel żewġ kelmiet li ġejjin tal-paragrafu taħt l-intestaturi "Ġeometrija tal-propagazzjoni ta' ħoss" huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"**Illustrazzjoni 2.7.m**"

(d) it-tabella fit-tieni subparagrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "*a* = 0,00384, | *b* = 0,0621, | *c* = 0,8786 | għal magni mmuntati taħt il-ġwienaħ u | (2.7.36) |
| *a* = 0,1225, | *b* = 0,3290, | *c* = 1 | għal magni mmuntati fil-fuselaġġ. | (2.7.37)" |

(e) it-test taħt l-Illustrazzjoni 2.7.p huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex tiġi kkalkulata l-attenwazzjoni laterali bl-użu tal-ekwazzjoni (2.7.40) (fejn β jitkejjel fi pjan vertikali), hija rakkomandata trajettorja ta' titjira *livellata* u estiża. Trajettorja ta' titjira livellata estiża hija definita fil-pjan vertikali li tgħaddi minn $\mathbf{S_1S_2}$ u bl-istess distanza perpendikolari oblika $d_p$ mill-osservatur. Din tiġi viżwalizzata bit-tidwir tat-trijanglu **ORS**, u t-trajettorja tat-titjira mehmuża miegħu f'**OR** (ara l-**Illustrazzjoni 2.7p**) mill-angolu γ biex b'hekk jiġi fformat it-trijanglu **ORS'**. L-angolu ta' elevazzjoni ta' din it-trajettorja livellata ekwivalenti (issa fi pjan vertikali) huwa $\beta = \tan^{-1}(h/\ell)$ ($\ell$ ma jinbidilx). F'dan il-każ, għal osservatur maġenb, l-angolu β u l-attenwazzjoni laterali riżultanti Λ(β, ) huma l-istess għall-metriċi $L_E$ u $L_{max}$.

L-**Illustrazzjoni 2.7.r** turi s-sitwazzjoni meta l-punt ta' osservazzjoni **O** ikun *wara s-segment finit*, u mhux maġenbu. Hawnhekk is-segment huwa osservat bħala parti iktar distanti ta' passaġġ infinit; perpendikolari jista' jiġi ddisinjat biss sal-punt $\mathbf{S_p}$ fuq l-estensjoni tiegħu. It-trijanglu $\mathbf{OS_1S_2}$ jaqbel mal-**Illustrazzjoni 2.7.j** li tiddefinixxi l-korrezzjoni tas-segment $\Delta_F$. Iżda f'dan il-każ il-parametri għall-attenwazzjoni u d-direttività laterali huma inqas ovvji.

*Illustrazzjoni 2.7.r*

**Osservatur wara s-segment**




Għal metrija tal-livell massimu, il-parametru tad-distanza tal-NPD jittieħed bħala l-iqsar distanza sas-segment, jiġifieri $d = d_1$. Għal metrija tal-livell ta' esponiment, hija l-iqsar distanza $d_p$ minn **O** sa $\mathbf{S_p}$ fuq it-trajettorja tat-titjira estiża; jiġifieri l-livell interpolat mit-tabella dwar l-NPD huwa $L_{E\infty}$ $(P_1, d_p)$.

Il-parametri ġeometriċi għall-attenwazzjoni laterali jvarjaw ukoll għall-kalkoli tal-livelli massimi u ta' esponiment. Għall-metrija tal-*livell massimu* l-aġġustament $\Lambda(\beta, \ell)$ jingħata bl-ekwazzjoni 2.7.40 b'$\beta = \beta_1 = \sin^{-1}(z_1/d_1)$ u $\ell = OC_1 = \sqrt{d_1^2 - z_1^2}$ fejn $\beta_1$ u $d_1$ huma definiti mit-trijanglu $\mathbf{OC_1S_1}$ fil-pjan vertikali minn ġo **O** u $\mathbf{S_1}$.

Meta tiġi kkalkulata l-attenwazzjoni laterali għas-segmenti fl-ajru biss u għall-metrija tal-*livell ta' esponiment, ℓ* tibqa' l-iqsar spostament laterali mill-estensjoni tas-segment (**OC**). Iżda sabiex jiġi definit valur xieraq ta' β għal darb'oħra hemm bżonn li tiġi viżwalizzata *trajettorja ta' titjira livellata ekwivalenti* (infinita) li minnha s-segment jista' jitqies parti. Din tgħaddi minn $\mathbf{S_1'}$, għoli *h* mis-superfiċje, fejn h huwa l-istess tul bħal $\mathbf{RS_1}$ il-perpendikolari mit-trajettorja tal-art sas-segment. Dan huwa ekwivalenti għar-rotazzjoni tat-trajettorja tat-titjira estiża proprja mill-angolu γ fil-punt **R** (ara l-**Illustrazzjoni 2.7.q**). Sakemm **R** ikun fuq il-perpendikolari għal $\mathbf{S_1}$, il-punt fuq is-segment l-eqreb għal **O**, it-tiswir tat-trajettorja livellata ekwivalenti huwa l-istess bħal meta **O** jkun maġenb is-segment.

L-eqreb punt ta' avviċinament tat-trajettorja livellata ekwivalenti għall-osservatur **O** huwa f'**S'**, b'distanza oblika *d*, b'tali mod li t-trijanglu **OCS'** b'hekk ifformat fil-pjan vertikali jiddefinixxi l-angolu ta' elevazzjoni$\beta = \cos^{-1}(\ell/d)$. Għalkemm din it-trasformazzjoni tista' tidher pjuttost kumplessa, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-ġeometrija bażika tas-sors (definita minn $d_1$, $d_2$ u φ) ma tinbidilx, il-ħoss li jivvjaġġa mis-segment *lejn* l-osservatur huwa sempliċiment dak li kien ikun kieku t-titjira shiha tul is-segment inklinat estiż b'mod infinit (li għall-finijiet ta' mmudellar is-segment jagħmel parti minnu) kien ikun f'veloċità *V* u $P_1$ kostanti. Min-naħa l-oħra, l-attenwazzjoni laterali tal-ħoss mis-segment *riċevuta* mill-osservatur mhijiex relatata ma' $\beta_p$, l-angolu ta' elevazzjoni tat-trajettorja estiża, iżda ma' β, dak tat-trajettorja livellata ekwivalenti.

Ta min ifakkar li, kif stipulat għall-finijiet ta' mmudellar, l-effett tal-installazzjoni tal-magna $\Delta_I$ huwa bidimensjonali, l-angolu ta' dipressjoni definittiv φ xorta jitkejjel lateralment mill-pjan tal-ġewnaħ tal-inġenju tal-ajru (il-livell bażi tal-event għadu dak iġġenerat mill-inġenju tal-ajru meta jaqsam it-trajettorja tat-titjira infinita rappreżentata mis-segment estiż). B'hekk l-angolu ta' dipressjoni jiġi determinat fl-eqreb punt ta' avviċinament, jiġifieri $\varphi = \beta_p - \varepsilon$ fejn $\beta_p$ huwa l-angolu $\mathbf{S_pOC}$.

Il-każ ta' osservatur quddiem is-segment mhuwiex deskritt separatament; huwa evidenti li essenzjalment dan huwa l-istess bħall-każ meta l-osservatur ikun wara.

Madankollu, għall-metrija tal-livell ta' esponiment *fejn il-pożizzjonijiet tal-osservatur ikunu wara s-segmenti tal-art matul it-tidwir għall-qtugħ u quddiem is-segmenti tal-art matul it-tidwir għal-landjar,* il-valur ta' β isir l-istess bħal dak għall-metrija tal-livell massimu.

Għal pożizzjonijiet wara s-segmenti tat-tidwir għall-qtugħ:

$\beta = \beta_1 = \sin^{-1}(z_1/d_1)$ u $\ell = OC_1 = \sqrt{d_1^2 - z_1^2}$

Għal pożizzjonijiet quddiem is-segmenti tat-tidwir għal-landjar:

$\beta = \beta_2 = \sin^{-1}(z_2/d_2)$ u $\ell = OC_2 = \sqrt{d_2^2 - z_2^2}$

Ir-raġuni għall-użu ta' dawn l-espressjonijiet partikolari hija relatata mal-applikazzjoni tal-funzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir wara s-segmenti tat-tidwir għall-qtugħ u suppożizzjoni ta' direttività semi-ċirkolari quddiem is-segmenti tat-tidwir għal-landjar.

*Il-korrezzjoni tas-segment finit $\Delta_F$ (Livelli ta' esponiment $L_E$ biss)*

Il-livell aġġustat tal-esponiment akustiku fil-linja bażi jirrigwarda inġenju tal-ajru f'titjira kontinwa, dritta, livellata (għalkemm b'angolu ta' inklinazzjoni laterali ε li huwa inkonsistenti ma' titjira dritta). L-applikazzjoni tal-*korrezzjoni tas-segment finit* (negattiva) $\Delta_F = 10\bullet\lg(F)$, fejn *F* hija l-*frazzjoni ta' enerġija*, tkompli taġġusta l-livell għal dak li kien ikun kieku l-inġenju tal-ajru qasam is-segment finit biss (jew li kieku kien kompletament sieket għall-bqija tat-trajettorja tat-titjira infinita).

It-terminu frazzjoni tal-enerġija jippermetti li jittieħed kont tad-direttività lonġitudinali distinta tal-istorbju mill-inġenju tal-ajru u l-angolu ffurmat mis-segment fil-pożizzjoni tal-osservatur. Għalkemm il-proċessi li jikkawżaw id-direzzjonalità huma kumplessi ħafna, l-istudji wrew li l-kontorni riżultanti huma pjuttost insensittivi għall-karatteristiċi direzzjonali preċiżi supponuti. L-espressjoni għal $\Delta_F$ hawn taħt hija bbażata fuq mudell dipolari ta' 90-grad tar-raba potenza (fourth-power) tar-radjazzjoni akustika. Is-suppożizzjoni hi li mhijiex affettwata mill-attenwazzjoni u mid-direttività laterali. Il-mod kif tinkiseb din il-korrezzjoni huwa deskritt fid-dettall fl-**Appendiċi E**.

Il-frazzjoni tal-enerġija *F* hija funzjoni tat-trijanglu tal-"osservazzjoni" $\mathbf{OS_1S_2}$ definit fl-**Illustrazzjonijiet 2.7.j** sa **2.7.l** b'tali mod li:

| | |
|---|---|
| $$\Delta_F = 10 \cdot \log\left[\frac{1}{\pi}\left(\frac{\alpha_2}{1+\alpha_2^2} + arctan\alpha_2 - \frac{\alpha_1}{1+\alpha_1^2} - arctan\alpha_1\right)\right]$$ | (2.7.45) |

Fejn

$\alpha_1 = -\frac{q}{d_\lambda}$; $\alpha_2 = -\frac{q-\lambda}{d_\lambda}$; $d_\lambda = d_0 \cdot 10^{[L_{E\infty}(P,d_p) - L_{max}(P,d_p)]/10}$; $d_0 = \frac{2}{\pi} \cdot V_{ref} \cdot t_0$

fejn *d*λ hija magħrufa bħala d-"distanza skalata" (ara l-**Appendiċi E**) u $V_{ref}$ = 270,05 pied/s (għall-veloċità ta' referenza ta' 160 knot). Ta min jinnota li $L_{max}(P, d_p)$ huwa l-livell massimu, mid-*data* NPD, għad-distanza perpendikolari $d_p$, MHUX is-segment $L_{max}$. Huwa rrakkomandat li jiġi applikat limitu iktar baxx ta' -150 dB għal $\Delta_F$.

Fil-każ partikolari ta' punti ta' osservazzjoni sitwati fuq in-naħa ta' wara ta' kull segment tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ, tintuża forma mnaqqsa tal-frazzjoni tal-istorbju espressa fl-Ekwazzjoni 2.7.45, li tikkorrispondi għall-każ speċifiku ta' q = 0.

Din hija espressa bħala $\Delta'_{F,d}$ fejn "d" jiċċara l-użu tagħha għal operazzjonijiet ta' tluq, u jinħadem hekk:

| | |
|---|---|
| $$\Delta'_{F,d} = 10 \cdot log_{10}\left[\frac{1}{\pi}\left(\frac{\alpha_2}{1+\alpha_2^2} + arctan\alpha_2\right)\right]$$ | (2.7.46.a) |

fejn $\alpha_2 = \lambda / d\lambda$.

Din il-forma partikolari tal-frazzjoni tal-ħoss tintuża flimkien mal-funzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir, li l-applikazzjoni tagħha hija spjegata aktar fit-taqsima ta' hawn taħt.

Fil-każ partikolari ta' pożizzjonijiet ta' osservazzjoni li jinsabu quddiem kull segment tat-tidwir fuq l-art għal-landjar, tintuża forma mnaqqsa tal-frazzjoni tal-istorbju espressa fl-ekwazzjoni 2.7.45, li tikkorrispondi għall-każ speċifiku ta' q = λ. Din hija espressa bħala $\Delta'_{F,a}$ fejn "a" tiċċara l-użu tagħha għal operazzjonijiet ta' wasliet, u tiġi kkalkulata bħala:

| | |
|---|---|
| $\Delta'_{F,a} = 10 \cdot \log_{10}\left[\frac{1}{\pi}\left(-\frac{\alpha_1}{1+\alpha_1^2} - \arctan\alpha_1\right)\right]$ | (2.7.46.b) |

fejn $\alpha_1 = -\lambda / d\lambda$.

L-użu ta' din il-forma, mingħajr l-applikazzjoni ta' ebda aġġustament ulterjuri tad-direttività orizzontali (għall-kuntrarju ta' pożizzjonijiet li jinsabu wara s-segmenti tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ – ara t-taqsima dwar id-direttività tal-bidu tat-tidwir), impliċitament jassumi direttività orizzontali semiċirkolari quddiem is-segmenti tat-tidwir fuq l-art għal-landjar.

*Il-funzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir $\Delta_{SOR}$*

L-istorbju tal-inġenji tal-ajru – speċjalment ta' inġenji tal-ajru bil-ġett mgħammra b'magni ta' proporzjon ta' by-pass inferjuri – juri karatteristika ta' radjazzjoni b'lobi fl-ark posterjuri, tipika ta' storbju tal-egżost tal-ġett. Din il-karatteristika hija aktar evidenti aktar ma tiżdied il-veloċità tal-ġett u aktar ma tonqos il-veloċità tal-inġenju tal-ajru. Dan huwa ta' importanza partikolari għal punti ta' osservazzjoni wara l-bidu tat-tidwir, meta jkunu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet. Dan l-effett jitqies minn funzjoni tad-direttività $\Delta_{SOR}$ .

Il-funzjoni $\Delta_{SOR}$ ġiet derivata minn diversi kampanji ta' kejl tal-istorbju li użaw mikrofoni adegwatament pożizzjonati wara u maġenb l-SOR tal-inġenji tal-ajru ġett telqin.

L-**Illustrazzjoni 2.7.r** turi l-ġeometrija rilevanti. L-angolu ażimut ψ bejn l-assi lonġitudinali tal-inġenju tal-ajru u l-vettur tal-punt ta' osservazzjoni huwa definit minn

| | |
|---|---|
| $\psi = arccos\left(\frac{q}{d_{SOR}}\right).$ | (2.7.47) |

Id-distanza relattiva *q* hija negattiva (ara l-**Illustrazzjoni 2.7.j**) b'tali mod li ψ ivarja bejn 90° relattiv għall-inġenju tal-ajru miexi 'l quddiem, u 180° fid-direzzjoni opposta.

*Illustrazzjoni 2.7.r*

**Ġeometrija tal-osservatur tal-inġenju tal-ajru għal stima tal-korrezzjoni tad-direttività**




Il-funzjoni $\Delta_{SOR}$ tirrappreżenta l-varjazzjoni tal-istorbju ġenerali li joħroġ mit-tidwir fuq l-art għall-qtugħ imkejjel wara l-bidu tat-tidwir, b'mod relattiv għall-istorbju globali mit-tidwir fuq l-art għall-qtugħ imkejjel min-naħa tal-SOR, fl-istess distanza:

$L_{TGR}(d_{SOR}, \psi) = L_{TGR}(d_{SOR}, 90°) + \Delta_{SOR}(d_{SOR}, \psi)$(2.7.48)

fejn $L_{TGR}(d_{SOR}, 90°)$ huwa l-livell ta' storbju ġenerali tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ fid-distanza tal-punt $d_{SOR}$ maġenb l-SOR. L-$\Delta_{SOR}$ jiġi implimentat bħala aġġustament għal-livell tal-istorbju minn segment wieħed tat-trajettorja tat-titjira (eż. $L_{max,seg}$ jew $L_{E,seg}$), kif deskritt fl-ekwazzjoni 2.7.28.

Il-funzjoni tad-direttività SOR, f'deċibel, għal *inġenji tal-ajru b'ġett li jaħdmu b'turbofann* tingħata permezz tal-ekwazzjoni li ġejja:

Għal 90° ≤ Ψ < 180° allura:

| | |
|---|---|
| $$\Delta^0_{SOR} = 2329.44 - (8.0573 \cdot \psi) + \left(11.51 \cdot exp\left(\frac{\pi \cdot \psi}{180}\right)\right) - \left(\frac{3.4601 \cdot \psi}{ln\left(\frac{\pi \cdot \psi}{180}\right)}\right) - \left(\frac{17403338.3 \cdot ln\left(\frac{\pi \cdot \psi}{180}\right)}{\psi^2}\right)$$ | (2.7.49) |

Il-funzjoni tad-direttività tal-SOR, f'deċibel, għal *inġenji tal-ajru li jaħdmu b'turboprop* tingħata bl-ekwazzjoni li ġejja:

Għal 90° ≤ Ψ < 180° allura:

| | |
|---|---|
| $$\Delta^0_{SOR} = -34643.898 + \left(\frac{30722161.987}{\psi}\right) - \left(\frac{11491573930.510}{\psi^2}\right) + \left(\frac{2349285669062}{\psi^3}\right) - \left(\frac{283584441904272}{\psi^4}\right) + \left(\frac{20227150391251300}{\psi^5}\right) - \left(\frac{790084471305203000}{\psi^6}\right) + \left(\frac{13050687178273800000}{\psi^7}\right)$$ | (2.7.50) |

Jekk id-distanza $d_{SOR}$ taqbeż id-distanza normalizzanti $d_{SOR,0}$, il-korrezzjoni tad-direttività tiġi mmultiplikata b'fattur ta' korrezzjoni biex jittieħed kont tal-fatt li d-direttività ssir inqas evidenti fuq distanzi ikbar mill-inġenju tal-ajru; jiġifieri

| | |
|---|---|
| $\Delta_{SOR} = \Delta^0_{SOR}$ if $d_{SOR} \le d_{SOR,0}$ | (2.7.51) |
| $\Delta_{SOR} = \Delta^0_{SOR} \cdot \frac{d_{SOR,0}}{d_{SOR}}$ if $d_{SOR} > d_{SOR,0}$ | (2.7.52) |

Id-distanza normalizzanti $d_{SOR,0}$ hija ta' 762 m (2 500 pied).

Il-funzjoni $\Delta_{SOR}$ deskritta hawn fuq tkopri l-aktar l-effett evidenti tad-direttività tal-porzjon inizjali tat-tidwir għall-qtugħ f'pożizzjonijiet wara l-SOR (għaliex huwa l-eqreb għar-riċevituri, bl-akbar proporzjon bejn il-veloċità tal-ġett u l-veloċità tal-inġenju tal-ajru). Madankollu, l-użu tal-$\Delta_{SOR}$ hekk stabbilit huwa "ġeneralizzat" għal pożizzjonijiet wara *kull* segment tat-tidwir fuq l-art individwali għall-qtugħ, u b'hekk mhux biss wara l-punt tal-bidu tat-tidwir (fil-każ ta' qtugħ). *L-$\Delta_{SOR}$ stabbilit ma jiġix applikat għal pożizzjonijiet quddiem segmenti individwali tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ, u lanqas ma jiġi applikat għal pożizzjonijiet wara jew quddiem segmenti individwali tat-tidwir fuq l-art għal-landjar.*

Il-parametri $d_{SOR}$ u Ψ jiġu kkalkulati b'rabta mal-bidu ta' kull segment individwali ta' tidwir fuq l-art. Il-livell ta' event $L_{SEG}$ għal pożizzjoni wara segment partikolari tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ jew għal-landjar jiġi kkalkulat għall-konformità mal-formaliżmu tal-funzjoni $\Delta_{SOR}$: essenzjalment jiġi kkalkulat għall-punt ta' referenza li jinsab maġenb il-punt tal-bidu tas-segment, fl-istess distanza $d_{SOR}$ bħall-punt proprju, u jkompli jiġi aġġustat bil-funzjoni $\Delta_{SOR}$ biex jinkiseb il-livell tal-event fil-punt proprju.

**Nota: Il-formuli (2.7.53), (2.7.54) u (2.7.55) tneħħew fl-aħħar emenda ta' dan l-Anness.**"

(17) It-Taqsima 2.8 hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.8 **Esponiment għall-istorbju**

*Determinazzjoni taż-żona esposta għall-istorbju*

Il-valutazzjoni taż-żona esposta għall-istorbju hija bbażata fuq punti ta' valutazzjoni tal-istorbju f'4 m ± 0,2 'il fuq mill-art, li jikkorrispondu għall-punti riċeventi kif definiti f'2.5, 2.6 u 2.7, ikkalkulati fuq grilja għal sorsi individwali.

Il-punti tal-grilja li jinsabu ġewwa binjiet għandhom jiġu assenjati riżultat tal-livell tal-istorbju billi jiġu assenjati l-punti riċeventi tal-istorbju fil-qrib l-aktar silenzjużi barra l-binjiet, ħlief għall-istorbju mill-inġenji tal-ajru fejn il-kalkolu jsir mingħajr ma titqies il-preżenza ta' binjiet u f'liema każ jintuża direttament il-punt riċevitur tal-istorbju li jinsab f'bini.

Skont ir-riżoluzzjoni tal-grilja, l-erja korrispondenti tiġi assenjata għal kull punt ta' kalkolu fil-grilja. Pereżempju, fil-każ ta' grilja ta' 10 m x 10 m, kull punt ta' valutazzjoni jirrappreżenta żona ta' 100 metru kwadru li hija esposta għal-livell tal-istorbju kkalkulat.

*Assenjazzjoni ta' punti ta' valutazzjoni tal-istorbju lil binjiet li ma jkunx fihom abitazzjonijiet*

Il-valutazzjoni tal-esponiment tal-binjiet li ma fihomx abitazzjonijiet bħal pereżempju skejjel u sptarijiet għall-istorbju hija bbażata fuq punti ta' valutazzjoni tal-istorbju ta' 4 ± 0,2 m 'il fuq mill-art, li jikkorrispondu għall-punti riċeventi kif definiti f'2.5, 2.6 u 2.7

Għall-valutazzjoni tal-binjiet li ma jkunx fihom abitazzjonijiet u li jkunu esposti għall-istorbju tal-inġenji tal-ajru, kull bini huwa assoċjat mal-punt tar-riċevitur tal-istorbju l-aktar storbjuż li jinsab fil-bini nnifsu jew, jekk ma jkunx preżenti, fil-grilja ta' madwar il-bini.

Għall-valutazzjoni tal-binjiet li ma jkunx fihom abitazzjonijiet u li jkunu esposti għal sorsi ta' storbju bbażati fuq l-art, il-punti riċeventi jitqiegħdu madwar 0,1 m quddiem il-faċċata tal-bini. Ir-riflessjonijiet mill-faċċata li tkun qed tiġi kkunsidrata għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu. Il-bini mbagħad jiġi assoċjat mal-punt riċeventi l-aktar storbjuż fuq il-faċċati tiegħu.

*Determinazzjoni tal-abitazzjonijiet u tal-abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet esposti għall-istorbju*

Għall-valutazzjoni tal-esponiment ta' abitazzjonijiet u ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għall-istorbju, għandhom jitqiesu biss binjiet residenzjali. L-ebda abitazzjoni jew abitant ma għandu jiġi assenjat lil binjiet oħra mingħajr użu residenzjali bħal binjiet li jintużaw esklussivament bħala skejjel, sptarijiet, uffiċċji jew fabbriki. L-assenjazzjoni tal-abitazzjonijiet u tal-abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għall-binjiet residenzjali għandha tkun ibbażata fuq l-aħħar *data* uffiċjali (skont ir-regolamenti rilevanti tal-Istati Membri).

L-għadd ta' abitazzjonijiet u abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet f'binjiet residenzjali huma parametri intermedji importanti għall-istima tal-esponiment għall-istorbju. Sfortunatament, *data* dwar dawn il-parametri mhux dejjem tkun disponibbli. Hawn taħt, huwa speċifikat kif dawn il-parametri jistgħu jinkisbu minn *data* aktar faċilment disponibbli.

Is-simboli użati f'dawn li ġejjin huma:

| | |
|---|---|
| *BA* = | l-erja bażi tal-bini |
| *DFS* = | l-ispazju tal-art tal-abitazzjoni |
| *DUFS* = | l-ispazju tal-art tal-unità tal-abitazzjoni |
| *H* = | l-għoli tal-bini |
| *FSI* = | l-ispazju tal-art tal-abitazzjoni għal kull abitant li jgħix f'abitazzjoni |
| *Dw* = | l-għadd ta' abitazzjonijiet |
| *Inh* = | l-għadd ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet |
| *NF* = | l-għadd ta' sulari |
| *V* = = | il-volum ta' binjiet residenzjali |

Għall-kalkolu tal-għadd ta' abitazzjonijiet u ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet, għandhom jintużaw il-proċedura tal-Każ 1 jew inkella l-proċedura tal-Każ 2 li ġejjin, skont id-disponibbiltà tad-*data*.

Każ 1: id-*data* dwar l-għadd ta' abitazzjonijiet u ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet hija disponibbli

1A:

L-għadd ta’ abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet huwa magħruf jew ġie stmat abbażi tal-għadd ta’ unitajiet ta’ abitazzjoni. F’dan il-każ l-għadd ta’ abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet għal bini partikolari huwa s-somma tal-għadd ta’ abitanti fl-unitajiet ta’ abitazzjoni kollha fil-bini:

| | |
|---|---|
| $Inh_{building} = \sum_{i=1}^{n} Inh_{dwelling_{unit_i}}$ | (2.8.1) |

1B:

L-għadd ta’ abitazzjonijiet jew abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet huwa magħruf biss għal entitajiet akbar minn binja, eż. żoni ta’ enumerazzjoni, blokok fi bliet, f’distretti jew saħansitra muniċipalità sħiħa. F’dan il-każ l-għadd ta’ abitazzjonijiet u ta’ abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet f’bini jiġi stmat abbażi tal-volum tal-bini:

| | |
|---|---|
| $Dw_{building} = \frac{V_{building}}{V_{total}} \times Dw_{total}$ | (2.8.2a) |

| | |
|---|---|
| $Inh_{building} = \frac{V_{building}}{V_{total}} \times Inh_{total}$ | (2.8.2b) |

L-indiċi ‘total’ hawnhekk jirreferi għall-entità rispettiva kkunsidrata. Il-volum tal-bini jiġi kkalkulat bil-multiplikazzjoni tal-erja tal-bażi tiegħu u l-għoli tiegħu:

| | |
|---|---|
| $V_{building} = BA_{building}$ x $H_{building}$ | (2.8.3) |

Jekk l-għoli tal-bini ma jkunx magħruf, għandu jiġi stmat abbażi tal-għadd ta’ sulari $NF_{building}$, billi jiġi supponut għoli medju ta’ 3 m kull sular:

| | |
|---|---|
| $H_{building} = NF_{building}$ x $3m$ | (2.8.4) |

Jekk lanqas l-għadd ta’ sulari ma jkun magħruf, għandu jintuża valur prestabbilit għall-għadd ta’ sulari, rappreżentattiv għad-distrett jew għall-borough. Il-volum totali ta’ binjiet residenzjali fl-entità kkunsidrata $V_{total}$ jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-volumi tal-binjiet residenzjali kollha fl-entità:

(2.8.5)

| | |
|---|---|
| $V_{total} = \sum_{i=1}^{n} V_{building_i}$ | (2.8.5) |

Każ 2: ma hemm l-ebda *data* disponibbli dwar l-għadd ta’ abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet

F’dan il-każ, l-għadd ta’ abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet jiġi stmat abbażi tal-ispazju medju tal-art tal-abitazzjoni għal kull abitant f’FSI. Jekk dan il-parametru ma jkunx magħruf, għandu jintuża valur prestabbilit.

2A:

L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni huwa magħruf abbażi tal-unitajiet ta’ abitazzjoni.

F’dan il-każ l-għadd ta’ abitanti f’kull unità ta’ abitazzjoni huwa stmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| $Inh_{dwelling_{unit_i}} = \frac{DUFS_i}{FSI}$ | (2.8.6) |

L-għadd totali ta’ abitanti li jgħixu f’abitazzjonijiet għall-bini partikolari issa jista’ jiġi stmat bħal fil-Każ 1A.

2B:

L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni huwa magħruf għall-binja sħiħa, jiġifieri s-somma tal-ispazji tal-art tal-abitazzjoni tal-unitajiet ta' abitazzjoni kollha fil-bini hija magħrufa.

F'dan il-każ, l-għadd ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet huwa stmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| $Inh_{building} = \frac{DFS_{building}}{FSI}$ | (2.8.7) |

2C:

L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni huwa magħruf biss għal entitajiet akbar minn bini, eż. żoni ta' enumerazzjoni, blokok tal-bliet, f'distretti jew saħansitra muniċipalità sħiħa.

F'dan il-każ l-għadd ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għal bini partikolari jiġi stmat abbażi tal-volum tal-bini kif deskritt fil-Każ 1B u l-għadd totali ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet jiġi stmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| $Inh_{total} = \frac{DFS_{total}}{FSI}$ | (2.8.8) |

2D:

L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni mhuwiex magħruf.

F'dan il-każ l-għadd ta' abitanti għal bini partikolari jiġi stmat kif deskritt fil-Każ 2B u l-ispazju tal-art tal-abitazzjoni jiġi stmat kif ġej:

(2.8.9)

| | |
|---|---|
| $DFS_{building} = BA_{building}$ x 0,8 x $NF_{building}$ | (2.8.9) |

Il-fattur 0,8 huwa l-fattur ta' konverżjoni *erja tal-art gross → spazju tal-art tal-abitazzjoni*. Jekk ikun magħruf li hemm fattur differenti li jirrappreżenta l-erja, dan għandu jintuża minflok u jiġi ddokumentat b'mod ċar. Jekk l-għadd ta' sulari tal-bini ma jkunx magħruf, għandu jiġi stmat abbażi tal-għoli tal-bini, $H_{building}$, li tipikament jirriżulta f'numru mhux sħiħ ta' sulari:

| | |
|---|---|
| $NF_{building} = \frac{H_{building}}{3\text{m}}$ | (2.8.10) |

Jekk la l-għoli tal-bini u lanqas l-għadd ta' sulari ma jkun magħruf, għandu jintuża valur prestabbilit għall-għadd ta' sulari li jirrappreżenta d-distrett jew il-borough.

*Assenjazzjoni ta' punti ta' valutazzjoni tal-istorbju lill-abitazzjonijiet u lill-abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet*

Il-valutazzjoni tal-esponiment tal-abitazzjonijiet, u tal-abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet, għall-istorbju hija bbażata fuq punti ta' valutazzjoni tal-istorbju ta' 4 ± 0,2 m 'il fuq mill-art, li jikkorrispondu għall-punti riċeventi kif definit f'2.5, 2.6 u 2.7.

Għall-kalkolu tal-għadd ta' abitazzjonijiet u abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għall-istorbju mill-inġenji tal-ajru, l-abitazzjonijiet u l-abitanti kollha f'bini huma assoċjati mal-punt riċeventi tal-istorbju l-aktar storbjuż li jaqa' fl-abitazzjoni nnifsha jew, jekk mhux preżenti, fuq il-grilja ta' madwar il-bini.

Għall-kalkolu tal-għadd ta' abitazzjonijiet u abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għal sorsi ta' storbju bbażati fuq l-art, il-punti riċeventi jitqiegħdu madwar 0,1 m quddiem il-faċċati ta' binjiet residenzjali. Ir-riflessjonijiet mill-faċċata li tkun qed tiġi kkunsidrata għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu. Biex jiġu lokalizzati l-punti riċeventi għandhom jintużaw il-proċedura tal-Każ 1 jew inkella l-proċedura tal-Każ 2 li ġejjin.

Każ 1: faċċati maqsuma f'intervalli regolari fuq kull faċċata

*Illustrazzjoni 2.8.a*

**Eżempju tal-pożizzjoni ta' punti riċeventi madwar bini skont il-proċedura tal-Każ 1**




(a) Is-segmenti b'tul ta' iktar minn 5 m jinqasmu f'intervalli regolari tal-itwal tul possibbli, iżda ta' mhux aktar minn 5 m. Il-punti riċeventi jitqiegħdu fin-nofs kull intervall regolari.

(b) Is-segmenti li jifdal ta' iktar minn 2,5 m huma rappreżentati minn punt riċeventi wieħed fin-nofs ta' kull segment.

(c) Is-segmenti biswit li jifdal b'tul totali ta' aktar minn 5 m jitqiesu bħala oġġetti polilinja b'mod simili kif deskritt f'a) u b).

Każ 2: faċċati maqsuma f'distanza stabbilita mill-bidu tal-poligonu

*Illustrazzjoni 2.8.b*

**Eżempju tal-pożizzjoni ta' punti riċeventi madwar bini skont il-proċedura tat-Tieni Każ**



(a) Il-faċċati jiġu kkunsidrati separatament jew jinqasmu kull 5 m mill-pożizzjoni tal-bidu lil hinn, bil-pożizzjoni tar-riċevitur imqiegħda f'nofs id-distanza mill-faċċata jew mis-segment ta' 5 m

(b) Is-sezzjoni li jifdal għandha l-punt riċeventi tagħha fil-punt tan-nofs tagħha.

*Assenjazzjoni ta' abitazzjonijiet u ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għall-punti riċeventi*

Fejn ikun hemm informazzjoni disponibbli dwar il-lokazzjoni ta' abitazzjonijiet fi ħdan l-impronti tal-bini, dik l-akkomodazzjoni u l-abitanti tagħha jiġu assenjati lill-punt riċeventi fl-aktar faċċata esposta ta' dik l-akkomodazzjoni. Pereżempju, għal djar li ma jmissux ma' bini ieħor, għal djar li kważi maqtugħa għalihom u terrace houses, jew appartamenti, fejn id-diviżjoni interna tal-bini tkun magħrufa, jew għal binjiet b'daqs tal-art li jindika abitazzjoni waħda f'kull pjan; jew għal binjiet b'daqs tal-art u għoli li jindikaw abitazzjoni waħda f'kull bini.

Meta ma jkunx hemm informazzjoni disponibbli dwar il-lokazzjoni tal-abitazzjonijiet fl-impronti tal-bini kif spjegat hawn fuq, għandu jintuża wieħed miż-żewġ metodi li ġejjin, skont kif ikun xieraq, fuq bażi ta' bini bini sabiex jiġi stmat l-esponiment għall-istorbju tal-abitazzjonijiet u tal-abitanti fil-binjiet.

a) L-informazzjoni disponibbli turi li l-abitazzjonijiet huma rranġati f'bini ta' appartamenti b'tali mod li għandhom faċċata waħda esposta għall-istorbju

F'dan il-każ, l-allokazzjoni tal-għadd ta' abitazzjonijiet u ta' abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet għall-punti riċeventi għandha tkun ippeżata skont it-tul tal-faċċata rappreżentata skont il-proċedura tal-Każ 1 jew tal-Każ 2, sabiex is-somma tal-punti riċeventi kollha tirrappreżenta l-għadd totali ta' abitazzjonijiet u ta' abitanti assenjati għall-bini.

b) L-informazzjoni disponibbli turi li l-abitazzjonijiet huma rranġati f'bini ta' appartamenti b'tali mod li għandhom aktar minn faċċata waħda esposta għall-istorbju, jew ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-ammont ta' faċċati tal-abitazzjonijiet esposti għall-istorbju.

F'dan il-każ, għal kull bini, is-sett ta' pożizzjonijiet ta' riċevituri assoċjati għandu jinqasam f'nofs ta' isfel u nofs ta' fuq abbażi tal-valur medjan * tal-livelli ta' valutazzjoni kkalkulati għal kull bini.

Fil-każ ta' għadd fard ta' punti riċeventi, il-proċedura tiġi applikata u tiġi eskluża l-pożizzjoni tar-riċevitur bl-iktar livell baxx ta' storbju.Għal kull punt riċeventi fin-nofs ta' fuq tas-sett tad-*data*, l-għadd ta' abitazzjonijiet, u l-abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet, għandhom jiġu distribwiti b'mod ugwali, sabiex is-somma tal-punti riċeventi kollha fin-nofs ta' fuq tas-sett tad-*data* tirrappreżenta l-għadd totali ta' abitazzjonijiet u abitanti. L-ebda abitazzjonijiet jew abitanti li jgħixu f'abitazzjonijiet ma jiġu assenjati għar-riċevituri fin-nofs ta' isfel tas-sett tad-*data* **."

* Il-valur medju huwa l-valur li jissepara n-nofs ta' fuq (50 %) min-nofs ta' isfel (50 %) ta' sett ta' *data*.

** In-nofs ta' isfel tal-assi tad-*data* jista' jiġi assimilat mal-preżenza ta' faċċati relattivament kalmi. F'każ li jkun magħruf minn qabel, eż. abbażi tal-pożizzjoni tal-binjiet relattiv għas-sorsi dominanti tal-istorbju, liema lokazzjonijiet tar-riċevituri se jagħtu lok għall-ogħla livelli / l-aktar baxxi ta' storbju, ma hemmx bżonn li jiġi kkalkulat l-istorbju għan-nofs ta' isfel.

(18) L-Appendiċi D huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu taħt it-Tabella D-1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-koeffiċjenti ta' attenwazzjoni fit-**Tabella D-1** jistgħu jitqiesu validi fuq meded raġonevoli ta' temperatura u umdità. Madankollu, biex jiġi vverifikat jekk l-aġġustamenti jistgħux ikunu meħtieġa, jenħtieġ li jintuża SAE ARP-5534 biex jiġu kkalkulati l-koeffiċjenti medji tal-assorbiment atmosferiku għat-temperatura medja tal-ajruport *T* u għall-umdità relattiva *RH*. Meta, wara tqabbil ta' dawn ma' dawk fit-**Tabella D-1**, jiġi determinat li hemm bżonn li jsir aġġustament, jenħtieġ li tintuża l-metodoloġija li ġejja."

(b) fit-tielet subparagrafu taħt it-Tabella D-1, il-punti 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Imbagħad l-ispettru kkoreġut jiġi aġġustat għal kull waħda mill-għaxar distanzi standard tal-NPD $d_i$ billi jintużaw ir-rati ta' attenwazzjoni kemm (i) għall-atmosfera tal-SAE AIR-1845 kif ukoll (ii) għall-atmosfera speċifikata mill-utent (fuq il-bażi tal-SAE ARP-5534).

(i) Għall-atmosfera tal-SAE AIR-1845:

| | |
|---|---|
| $L_{n,ref}(d_i) = L_n(d_{ref}) - 20.lg(d_i/d_{ref}) - \alpha_{n,ref} \cdot d_i$ | (D-2) |

(ii) Għall-atmosfera speċifikata mill-utent:

| | |
|---|---|
| $L_{n,5534}(T,RH,d_i) = L_n(d_{ref}) - 20.lg(d_i/d_{ref}) - \alpha_{n,5534}(T,RH)\ d_i$ | (D-3) |

fejn $\alpha_{n,5534}$ hija l-koeffiċjent tal-assorbiment atmosferiku għall-banda ta' frekwenza *n* (espress f'dB/m) ikkalkulat bl-użu tal-SAE ARP-5534 b'temperatura *T*, u umdità relattiva *RH*.

3. F'kull distanza tal-NPD $d_i$ iż-żewġ spettri huma ponderati A u bid-deċibel magħqudin flimkien sabiex jiġu stabbiliti l-livelli riżultanti ponderati A $L_{A,5534}$ u $L_{A,ref}$ - li mbagħad jitnaqqsu b'mod aritmetiku:

| | |
|---|---|
| $\Delta L(T, RH, d_i) = L_{A,5534} - L_{A,ref} = 10 \cdot lg \sum_{n=1}^{24} 10^{(L_{n,5534}(T,RH,d_i)-A_n)/10} - 10 \cdot lg \sum_{n=1}^{24} 10^{(L_{n,ref}(d_i)-A_n)/10}$ | (D-4) ” |

(19) L-Appendiċi F huwa emendat kif ġej:

(a) It-Tabella F-1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| “Kategor-egorija | Koeffiċjent | 63 | 125 | 250 | 500 | 1 000 | 2 000 | 4 000 | 8 000 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | $A_R$ | 83,1 | 89,2 | 87,7 | 93,1 | 100,1 | 96,7 | 86,8 | 76,2 |
| | $A_R$ | 30,0 | 41,5 | 38,9 | 25,7 | 32,5 | 37,2 | 39,0 | 40,0 |
| | $B_R$ | 97,9 | 92,5 | 90,7 | 87,2 | 84,7 | 88,0 | 84,4 | 77,1 |
| | $A_P$ | -1,3 | 7,2 | 7,7 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 |
| 2 | $B_P$ | 88,7 | 93,2 | 95,7 | 100,9 | 101,7 | 95,1 | 87,8 | 83,6 |
| | $A_R$ | 30,0 | 35,8 | 32,6 | 23,8 | 30,1 | 36,2 | 38,3 | 40,1 |
| | $B_R$ | 105,5 | 100,2 | 100,5 | 98,7 | 101,0 | 97,8 | 91,2 | 85,0 |
| | $A_P$ | -1,9 | 4,7 | 6,4 | 6,5 | 6,5 | 6,5 | 6,5 | 6,5 |
| 3 | $B_P$ | 91,7 | 96,2 | 98,2 | 104,9 | 105,1 | 98,5 | 91,1 | 85,6 |
| | $A_R$ | 30,0 | 33,5 | 31,3 | 25,4 | 31,8 | 37,1 | 38,6 | 40,6 |
| | $B_R$ | 108,8 | 104,2 | 103,5 | 102,9 | 102,6 | 98,5 | 93,8 | 87,5 |
| | $A_P$ | 0,0 | 3,0 | 4,6 | 5,0 | 5,0 | 5,0 | 5,0 | 5,0 |
| 4a | $B_P$ | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| | $A_R$ | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| | $B_R$ | 93,0 | 93,0 | 93,5 | 95,3 | 97,2 | 100,4 | 95,8 | 90,9 |
| | $A_P$ | 4,2 | 7,4 | 9,8 | 11,6 | 15,7 | 18,9 | 20,3 | 20,6 |
| 4b | $B_P$ | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| | $A_R$ | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
